Kunsill Lokali L-Imsida

## Laqgħa Annwali tal-Lokalità.

It-Tlieta 30 ta’April 2024

Rapport Annwali Amministrattiv (Jannar – Diċembru 2023)

**Werrej**

1 - Introduzzjoni
2 - Popolazzjoni
3 - Kunsilliera u karigi
4 - L-Amministrazzjoni tal-Kunsill
5 - Ħaddiema ssekondati
6 - Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill
7 - Permessi tal-Kunsill
8 - Talbiet tar- residenti
9 - Kuntatt
10 - Deskrizzjoni ta' ħidma mwettqa.
11 - Konklużjoni

## 1- Introduzzjoni

Is-sena 2023 kienet mimlija b'diversi xogħlijiet u sforzi biex l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida tkompli għaddejja b'inizjattivi għar-risq tal- komunità, ġewwa l-Imsida u s- Swatar.

Minkejja l-limitazzjonijiet f'riżorsi finanzjarji jew manwali f'rigward ta' ħaddiema assenjati kif ukoll kapaċità għal ċertu tip ta' xogħol, il-Kunsill Lokali tal-Imsida permezz ta' sforzi mis-Sindku, l-Kunsilliera u l-amministrazzjoni baqa' għaddej biex joffri numru ta' servizzi sabiex jara li l-Imsida u r-residenti jkunu qed igawdu aktar minn titjieb, manutenzjoni neċessarja madwar it-toroq u attivitajiet oħra fejn dawn kienu possibbli.

L-allokazzjoni għas- sena 2023 (Tabella 1) kienet € 711,104 li flimkien ma' dħul ieħor (€192,504) serviet biex il-kunsill jkompli bl-aħjar mod possibbli jaqdi l- funzjoni tiegħu.

**Tabella 1**

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI 2023**

**KUNSILL LOKALI: L-Imsida**

| **Funzjonijiet** | **Allokazzjoni €** |
|---|---|
| **L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att** | |
| **1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 23,059 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | 3,825 |
| **2. Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| **Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq:** | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 88,590 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 2,403 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 63,851 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 1,068 |
| **3. Immaniġġar tal-Iskart** | |
| Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 226,443 |
| *Waste Tipping Fees* | 80,077 |
| **4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 221,787 |
| **Fond ta' Aġġustament (jekk japplika)** | |
| **I. Fond għal Żoni Turistiċi** (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | 0 |
| **II. Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet** (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | 0 |
| **III. Fond biex kull Kunsill Lokali ikollu żieda ta' mill-inqas €11,000** (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **TOTAL** | **711,104** |

Minkejja dawn l-ammonti jidhru sostanzjali, is-sena finanzjarja 2023 kienet karatterizzata minn żieda qawwija fin-nefqa operattiva (€1,322,292) u amministrattiva biex jingħata servizz f'diversi oqsma hekk kif mitlub mil-

funzjoni statutorja kif indikat f'tabella 2 . Dan kien dovut kemm minn żieda f'domanda mingħand ir-residenti kif ukoll żidiet relatati mal- prezz ta' servizzi mitluba jew ta' xiri ta' materjal u tariffi oħra marbuta mal-operat ta' ġbir ta' skart domestiku.

Tabella 2

**L-Imsida Local Council**

**Quarterly Financial Report**
**1st January till End of December 2023 (Quarter 4)**

**Statement of Income and Expenditure**

**1st January till End of December 2023 (Quarter 4)**

| DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2023 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2023 |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 779,185 | 780,078 | - | 780,078 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 70,568 | 60,000 | - | 60,000 |
| Income raised from LES (3) | 13,641 | 9,000 | - | 9,000 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 40,214 | 27,880 | (6,890) | 34,770 |
| **TOTAL** | **903,608** | **876,958** | **(6,890)** | **883,848** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 214,683 | 221,202 | - | 221,202 |
| Operations and Maintenance (7) | 991,340 | 543,186 | (216,500) | 759,686 |
| Administration (8) | 60,341 | 60,348 | (9,500) | 69,848 |
| Finance Cost (9) | (1,348) | 1,744 | - | 1,744 |
| Other Expenditure (10) | 57,277 | 67,868 | - | 67,868 |
| **TOTAL** | **1,322,292** | **894,348** | **(226,000)** | **1,120,348** |
| **Surplus / Deficit** | **(418,684)** | **(17,390)** | **219,110** | **(236,500)** |

Bħal snin ta' qabel, il-kunsill kompla jġedded il-pjan ta' ħidma li fassal f'Settembru 2019 biex ikun jista' jindirizza diversi sfidi li hawn ġol- lokalità. Għalhekk matul is-sena 2023 kien hemm diversi inizjattivi sabiex ikun hemm aktar għajnuna mill- Gvern Centrali jew allokazzjoni ta' fondi minn skemi bi skop li jsir xogħol ta' tisbiħ jew manutenzjoni li fuqhom se jingħata aktar dettal.

Dan ir-rapport li jinkludi tagħrif ġenerali dwar il-ħidma tal-Kunsill Lokali L-Imsida matul is-sena li għaddiet u jagħti indikazzjoni ta' dak li huwa maħsub għas-sena 2024.

Alan Vella

Segretarju Eżekuttiv.

## 2- Popolazzjoni

Il-Kunsill Lokali ta’ l-Imsida huwa raħal ta’ madwar 9,294 votant mill-Imsida u 1310 mis-Swatar (Dati meħuda minn fuq ir-reġistru Elettorali ta’ Ottubru 2023 tal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali) li juri żieda ta' 89 vot meta mqabbel ma’ dak ta' April 2023.

Il- popolazzjoni fil- ewwel ta' Jannar 2022 kienet 13,612 filwaqt li fl-ewwel ta' Jannar 2023 kienet 14,809.



Il-figuri go Tabella 3 jagħtu indikazzjoni li l-popolazzjoni rat tnaqqis matul is-sena 2021 u reġgħet żiedet matul is-sena 2022 (statistika sa' 1 ta 'Jannar 2023) Local Councils Data (gov.mt), iżda sakemm ħareġ dan ir-rapport amministrattiv ma' kienx hemm dati ta' statistika ppublikati dwar il-popolazzjoni fl-ewwel ta' Jannar 2024.

## 3- Kunsilliera u Karigi

Il-kunsill elett matul din il-leġislatura huwa magħmul minn disa' Kunsillieri eletti fil-25 ta 'Mejju 2019 fejn beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Din il-leġislatura hija pjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sa Ġunju 2024.

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien Kunsilliera fejn kull membru elett jista' jkollu r-responsabbiltà' ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-kunsill, bir-responsabbiltajiet mogħtija lilu kif stabbilit minn Kap 363, L-att dwar il-Gvern Lokali hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu ħames uffiċċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, contracts manager u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati huma li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-Gvern Lokali tal-Imsida.

- Leġislatura 8 - Il-kunsilliera eletti, responsabiltajiet u l-impjegati tal-kunsill lokali l-Imsida tabella 4.



Sindku Margaret Baldacchino Cefai

Relazzjoni Pubblika , Rappreżentanza fil-Kunsill Regjonali Lvant, Rappreżentanza fuq il-kumitat tas-sajd, Indafa, Servizzi, Integrazzjoni, Komunitajiet, Edukazzjoni, Libreriji



Viċi-Sindku: Romina Galea

Anzjani, Rappreżentanza fil-Kunsill Regjonali Lvant



Kunsillier Jean Claude Borg

Kultura, Dawl tat-Toroq



Kunsillier Nicholas Joseph Chircop

Sports, Attivitajiet fiżiċi, Żgħażagħ u Tfal



Kunsillier Emanuel Brincat

Infrastruttura, Proġetti, Siti ta' kostruzzjoni, Traffiku, Għajn tal-Ħasselin, Monument GWU, Rappreżentant Ewlieni tas-sotto Kumitat tas-Swatar



Kunsillier Charles Selvaggi

Innovazzjoni, Ħarsien ta' l-annimali



Kunsillier Maurice Agius

Qasam Soċjali, Persuni b'diżabilità'



Kunsillier Alfred Farrugia

Ambjent, Dawl tal-ġonna, Manutenzjoni ta' Ġonna, Funtani, Bust u Monumenti, Postijiet pubbliċi



Kunsillier Renald Camilleri (Elett f'Jannar 2023 wara li Sinjura Judy Sciberras preżentat ir-riżenja tagħha fil-31 ta 'Diċembru 2022)

Manutenzjoni tas-sinjali, tabelli fit-toroq u affarijiet oħra relatati.

- Il-kumitat tal-finanzi huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi u Joe Demarco flimkien mal-accountant u s-segretarju eżekuttiv.

- Kumitat tal-offerti Pubbliċi huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi, Nicholas Joseph Chircop, Kunsillier responsabbli għas-suġġett. Ma' dawn jista' jinħatar espert fis-suġġett Estern flimkien ma' Avukat u Awditur.

**4- L- Amministrazzjoni tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-kunsill matul 2023 kienet komposta kif ġej:

- Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv.

Responsabbli mill-operat sħiħ tal-kunsill Lokali (Eżekuttiv), kemm amministrattiv, finanzjarju u dak legali.

- Is-sinjura Rachel Aquilina : Prinċipal u Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi fejn timmaniġġja l-proċess għall-pagamenti tal-kunsill lill-kredituri jew salarji jew allowance tal-kunsilliera,

rikonċiljazzjoni tal-ispejjeż, żamma tal-kotba u tamministra s-sistema elettronika tal-akkwist.

- Is-sinjura Sonia Vassallo : Prinċipal.

Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, fejn timmaniġġja l-proċess għall-fatturi u ħlasijiet minn debituri, permessi tal-Kunsill Lokali skont L.S 441.04, L.S 441.05 jew servizzi oħra mogħtija f'isem entitajiet oħra, depożiti bankarji, rikonċiljazzjoni tad-dħul u żamma ta' kotba.

- Is-sinjura Mirane Camilleri Mifsud Triganza: Prinċipal.

Responsabbli mill-korrispondenza, midja, Facebook, stimi , xiri ta' prodotti meħtieġa għal operat tal-kunsill jew manutenzjoni u ħtiġijiet oħra relatati mal-immaniġġjar ta' riżorsi umani.

- Is-sur Carmelo Ellul : Uffiċjal Eżekuttiv.

Responsabbli minn servizzi tal-kunsill fil-qasam ta' manutenzjoni jew applikazzjonijiet għal dawl ġdid fit-toroq, appoġġ fejn ikun meħtieġ fil-proċess għal- applikazzjonijiet ma' Transport Malta skont L.S 65.05 relatati ma' parkeġġ riservat jew immaniġġjar ta' traffiku flimkien ma' servizzi oħra għall-Ġestjoni ta' pagamenti riċevuti f'isem entitajiet oħra jew xiri ta'prodotti meħtieġa għal operat tal-kunsill.

- Is-sur Marvic Bonello: Skrivan fis-servizz pubbliku.

Responsabbli għas- superviżjoni tal- proċess jew xogħol fl-uffiċju relatat ma' talbiet għal servizzi mill-pubbliku, appoġġ fejn ikun meħtieġ fl-immaniġġjar tal-proċess għall-permessi tal-kunsill Lokali jew minn Transport Malta għal xogħol fit-toroq , Permessi għat tqegħid ta' dgħajjes fuq l-Iskall skont L.S. 363.163, flimkien ma' servizzi oħra għall-Ġestjoni ta' pagamenti riċevuti f'isem entitajiet oħra.

In-nefqa fis-salarji għas-sena 2023 kienet ta' € 176,280 skont is-sigħat kif indikat f' Tabella 4 u inkluż allowance , il-bonus, sahra u kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali. Filwaqt li l-ispiża għal operat li tinkludi materjal għal użu fl-uffiċju jew oħrajn bħal Kera, Trasport, Ivvjaġġar, Servizzi ta' Informazzjoni , Tindif tal-ufficċju, Servizzi Professjonali, Taħriġ, Ospitalità tal-ufficċju jew Spejjeż Inċidentali kienet ta' €58,925.




## 5- Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill

CWEF

- Is-sur Joseph Baldacchino:

Operazzjonijiet minuri ta' rutina, xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.

Is-sinjura Diane Vella :

Tassisti f' xogħol relatat ma' relazzjonijiet Pubbliċi biex jitqassmu rapporti dwar ħsarat u manutenzjoni jew abbużi skond il-ħtieġa, koordinazzjoni għal-talbiet biex jinġabar skart goff u moniterag jew komunikazzjoni mas-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku jew knis dwar ilmenti li jaslu għand il-kunsill.

- Is-sur Emantin Spiteri:

Operazzjonijiet minuri ta' rutina, xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.

Is-sur Alexander Zammit:

Xogħol ta' Kordinazzjoni għal attivitajiet tal-kunsill b'tema kulturali jew marbuta ma' integrazzjoni u proġetti mill-EU jew b' kollaborazzjoni f' programmi relatata ma' Għaqdiet jew entitajiet f' dan il-qasam.

- Is-sinjura Olivia Busuttil:

Tassisti fil-koordinazzjoni għal-talbiet biex jinġabar skart goff u l-amministrazzjoni tal-kunsill fix-xogħol ta' rutina fl-uffiċċju fejn meħtieġ.

IPSL

- Is-sur Ray Vella:

Operazzjonijiet minuri ta' rutina, xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.




Il-paga bażika ta' dawn il-ħaddiema titħallas dirett mid-dipartimenti tagħhom skont is-sigħat kif indikat f'tabella 6 filwaqt li l-kunsill jieħu ħsieb ħlas ta' sahra jew allowance skond il-bżonn u l-performance bonus. In-nefqa fuq dawn għas-sena 2023 kienet ta' €12,526.55.

## 6- Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2023 nżammu 13-il laqgħa minn L8-48 sa L8-60 u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija. L-

allowance mħallsa għal- kunsilliera u l-onorarja kienu jammontaw għal €38,403

Attendenza għal laqgħat tal-kunsill – bejn 1 ta’ Jannar sa 31 ta’ Diċembru 2023 (min 13 il-laqgħa)

- Kunsillier Charles Selvaggi:12 Preżenti - 1 Skużat
- Sindku Margaret Baldacchino Cefai: 13 Preżenti
- Viċi-Sindku Romina Galea: 10 Preżenti - 3 Skużati
- Kunsillier Maurice Agius: 11 Preżenti - 2 Skużati
- Kunsillier Jean Claude Borg: 11 Preżenti - 2 Skużati
- Kunsillier Nicholas Joseph Chircop: 13 Preżenti
- Kunsillier Emanuel Brincat: 13 Preżenti
- Kunsillier Alfred Farrugia: 12 Preżenti - 1 Skużat
- Kunsillier Renald Camilleri (Nota: ħa’ l-ġurament f’seduta L8-49) : 11 Preżenti - 1 Skużat
- Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella, ħa ħsieb il-laqgħat tal-kunsill.

## 7- Permessi tal-kunsill

| | |
|---|---|
| Depożitu ta’ kontejners | 77 |
| Depożitu ta’ krejn jew makkinarju | 3030 |
| Depożitu ta’ materjal tal-bini minħabba fi proġetti ta’ natura nazzjonali/ EU | 0 |
| Depożitu ta’ materjal tal-bini u materjal ieħor | 7 |
| Depożitu ta’ stekkat (boundary wall) | 0 |
| Divertiment Okkażjonali | 32 |
| No Parking Sign | 5 |
| Permessi ta’ Depożitu ta’ Skip | 260 |
| Permessi ta’ Tower Crane | 2 |
| Tqegħid f’xi triq ta' magna tal-bejgħ awtomatiċi | 0 |
| Kiddie Ride Machines u magna tal-bejgħ awtomatiċi | 0 |
| Tqegħid ta’ Mwejjed u Siġġijiet | 14 |
| Trenching Works | 44 |
| Twaqqif ta’ xi Posta jew Kjosk | 19 |
| Twaqqif ta’ xi posta jew kjosk tradizzjonali għal bejgħ ta’ qubbajt Malti | 4 |
| Użu ta’ scaffolding | 28 |

Matul is-sena 2023 ġew ipproċessati 3,522 applikazzjoni ta’ permessi li ġew approvati għal xogħlijiet varji fil-lokal bi dħul ta' €64,395.76 kif spjegat go tabella 7 li qed tagħmel paragun mas-sena preċedenti. Il-permessi kienu jinqasmu f’diversi kategoriji.

Dawn jiġu proċessati permezz tal-pjattaforma localpermits.gov.mt li toffri servizz għal varjetà ta' permessi li huma disponibbli għall-applikazzjoni online għas-sidien tad-djar u l-kuntratturi. Il-klijenti kollha jistgħu joħolqu

kont biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-permessi online li tippermetti lill-applikant biex jimmaniġġja l-permessi u l-applikazzjonijiet attivi tiegħu billi ssegwi l-istatus, jissottometti dokumenti, u jagħmel pagamenti.



## 8- Talbiet mir-residenti

Matul is-sena 2023, il-kunsill jirċievi bosta talbiet għal l-assistenza kif indikat f'tabella 8 fejn dawn jiġu proċessati u magħluqa skond il-kategorija kif indikat.  Dawn il-figuri jixhdu li l-kunsill jirreġistra t-talbiet li jaslulu, għalkemm il-proċedura hija selettiva fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi jew għal meta dawn ikunu doppji jew aktar dwar l-istess suġġett li xorta jitqies u jkun reġistrat bħala wieħed. Din is-sistema tgħin lill-kunsill biex ikun iktar responsabbli, fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll fuq it-talbiet, li jkunu għadhom pendenti.

| Tabella 8 | General | % | Enforcement | % | Cleaning | % | Waste | % | Entities | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total requests | 369 | 100 | 106 | 100 | 68 | 100 | 148 | 100 | 103 | 100 |
| Done | 325 | 88 | 0 | 0 | 68 | 100 | 148 | 100 | 0 | 0 |
| Refused | 12 | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Pending | 33 | 9 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Reported | 0 | 0 | 106 | 106 | 0 | 0 | 0 | 0 | 103 | 100 |

Fost it-talbiet hemm xogħol ta' tindif u manutenzjoni madwar il-lokal ta' l-Imsida u Swatar, jew oħrajn fuq ħsarat jew abbużi li tajjeb ngħidu li jinqasmu f'żewġt kategoriji, dak taħt responsabiltà' tal-Kunsill Lokali jew Entitajiet tal-Gvern Ċentrali kif indikat fit-tabella 9 hawn taħt preżentati li jagħtu indikazzjoni ta' diversita għal-interventi diretti jew rappurtaġġ  li qed jagħmel il-Kunsill.

| Tabella 9 | | Type of Request | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Entities | | Enforcement | | Waste | | General | | Cleaning | |
| *Drainage Leakage* | *17* | *Parking* | *13* | *Early start of Waste collection* | *3* | *Bike rack* | *0* | *Sweeping* | *39* |
| *Road Works* | *1* | *Rats* | *0* | *Collector hoarding household waste bags were not permitted by the local council* | *20* | *Bins* | *10* | *Grass Cutting* | *4* |
| *Water Leakage* | *16* | *Dumping* | *14* | *Collector Mixing household waste bag* | *3* | *Bollards* | *9* | *Animal Carcass* | *2* |

**Tabella 9**

**Type of Request**

| Entities | | Enforcement | | Waste | | General | | Cleaning | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | *types during collection* | | | | | |
| *Culvert* | *0* | *Littering* | *1* | *Resident report on Scheduled waste bags not collected* | *69* | *Cleaning* | *5* | *Pruning* | *10* |
| *Danger* | *8* | *Danger* | *0* | *Collector not cleaning spillage from household waste bags* | *1* | *Culvert* | *4* | *Park bins* | *1* |
| *Manhole* | *9* | *Verification* | *0* | *Contractor collecting non household waste bags* | *0* | *Grass Cutting* | *0* | *Park sweeping* | *2* |
| *Patching* | *0* | *No Permit* | *31* | *Abusive deposit by residents of household waste in other bags or containers not permitted by law* | *0* | *Maintenance* | *39* | *Park Dog Bins* | *8* |
| *Spuction* | *1* | *Vandalism* | *1* | *Residents reported taking out household waste bags after collection schedule hours* | *4* | *Mirrors* | *6* | *Street Bins* | *2* |
| *Cleaning* | *2* | *Vehicle* | *2* | *Residents reported taking out household waste bags not according to the daily collection schedule* | *40* | *Patching* | *67* | *Dog Bins* | *0* |
| *Danger* | *0* | *Illegal Action* | *13* | *Residents reported taking out other waste materials that cannot be collected by the regional contractor* | *0* | *Pavement* | *3* | | |
| *Subway* | *4* | *Construction* | *0* | *Abusive deposit of household waste bags in urban public areas not normally* | *0* | *Pruning* | *0* | | |

| **Tabella 9** Entities | | Enforcement | | **Type of Request** Waste | | General | | Cleaning | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | *covered by Regional Contractor* | | | | | |
| *Hanging wires* | *4* | *Damages* | *0* | *Bins are full at B.I. S* | *0* | *Refreshing parking bays* | *57* | | |
| *Request* | *4* | *Hazard* | *3* | *Abusive dumping of household waste bags by the BIS* | *3* | *Road Markings* | *88* | | |
| *Illegal Practice* | *5* | *Abusive deposit by residents of household waste in other bags or containers not permitted by law* | *0* | *Abusive dumping of different waste material types not according to recycle streams by the BIS* | *1* | *Signs* | *66* | | |
| *Hazard* | *11* | *Residents reported taking out household waste bags after collection schedule hours* | *4* | *Abusive dumping of Bulk refuse material types* | *1* | *Sleeping Police* | *4* | | |
| *Hazard* | *11* | *Residents reported taking out household waste bags not according to the daily collection schedule* | *23* | *Abusive dumping of construction material* | *2* | *Spuction boxes* | *1* | | |
| *Abusive deposit by residents of household waste in other bags or containers not permitted by law* | *0* | *Residents reported taking out other waste materials that cannot be collected by the regional contractor* | *0* | *Abusive Dumping of waste bags in other public areas* | *1* | *Verification* | *10* | | |
| *Residents reported taking out household waste bags after collection schedule hours* | *0* | *Abusive deposit of household waste bags in urban public areas not normally covered by Regional Contractor* | *0* | | | | | | |
| *Residents reported taking out household waste bags not according to the daily collection schedule* | *5* | *Abusive dumping of household waste bags by the BIS* | *0* | | | | | | |

| Tabella 9 | | Type of Request | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Entities | | Enforcement | | Waste | | General | | Cleaning | |
| *Residents reported taking out other waste materials that cannot be collected by the regional contractor* | *0* | *abusive dumping of different waste material types not according to recycle streams by the BIS* | *0* | | | | | | |
| *Abusive deposit of household waste bags in urban public areas not normally covered by Regional Contractor* | *0* | *Abusive dumping of Bulk refuse material types* | *0* | | | | | | |
| *Abusive dumping of household waste bags by the BIS* | *0* | *Abusive dumping of construction material* | *1* | | | | | | |
| *Abusive dumping of different waste material types not according to recycle streams by the BIS* | *1* | | | | | | | | |
| *Abusive dumping of Bulk refuse material types* | *2* | | | | | | | | |
| *Abusive dumping of construction material* | *2* | | | | | | | | |

Ma' dawn hemm ukoll rapporti għal manutenzjoni jew talbiet relatati ma' dwal tat-toroq kif muri f'tabella 10

| Tabella 10 | Entities /lighting | Lighting 2 | Total requests | % |
|---|---|---|---|---|
| Request | 44 | 153 | 197 | 100.00 |
| Done | 44 | 152 | 196 | 99.49 |
| Refused | 0 | 0 | 0 | 0.00 |
| Pending | 0 | 0 | 0 | 0.00 |
| Reported | 0 | 1 | 1 | 0.51 |

Dawn ukoll jinqasmu f'żewġt kategoriji, dak taħt responsabiltà' tal-kunsill Lokali jew L-Enemalta jew Arms Ltd Entitajiet kif indikat fit-tabella 11 hawn taħt preżentati kif spjegat qabel li jagħtu indikazzjoni ta' diversita għal-interventi diretti jew rappurtaġġ li qed jagħmel il-kunsill.

| Tabella 11 | Type of Request | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Lighting 2 | Requests | | Entities /lighting | Requests | |
| *LC Contractor* | *Urban road single lighting lamp fault* | *101* | *Enemalta* | *Urban road Lighting whole street no power supply* | *13* |
| | *Urban multiple lighting lamp's fault in same road* | *23* | | *Arterial multiple lighting lamp's fault in same road* | *2* |
| | *Installation New supply system* | *2* | | *Urban single lighting no power supply* | *13* |
| | *Checking reported circuit breaker fault* | *3* | | *Rural single lighting lamp fault* | *1* |
| | *Shifting of lighting request by Local Council* | *2* | | *Arterial road single lighting lamp fault* | *4* |
| | *New wall Lighting Installation* | *4* | | *Urban road single lighting lamp fault* | *2* |
| | *Checking & setting of timers* | *4* | | *Urban road Lighting partial street no power supply* | *1* |
| | *Urban lighting Index numbers* | *1* | | *Urban multiple lighting lamp's fault in same road* | *2* |
| | *Replacing of single lighting lamp Urban Road* | *1* | | *Urban road Lighting partial streetlamp fault* | *1* |
| | *LED Pink* | *2* | | *Urban road Lighting whole streetlights on day and night* | *4* |
| | *New pole Lighting Installation* | *2* | | *Hanging wires (Enemalta) Hazard* | *0* |
| | *Rural single lighting lamp fault* | *1* | *Arms* | *STL application for new pole Lighting Installation* | *0* |
| | *Replacing of multiple lighting lamps around building* | *1* | | *STL application for new wall Lighting Installation* | *0* |
| | *Installation of Timer* | *1* | | *STL application for new power supply meter Installation* | *0* |
| | *Shifting of Demarcation box underneath Enemalta plc's aerial lines* | *4* | | *STL application to regulate existing urban wall lighting.* | *0* |
| | *Shifting of lighting request by 3rd parties* | *1* | | *STL application to regulate existing urban hanging lighting.* | *0* |
| | *Replacement of timers with photocells system* | *0* | | *STL application to regulate existing urban pole lighting.* | *1* |
| | *Re wiring or replacement of old supply system* | *0* | | *STL application to regulate existing urban hanging lighting.* | *0* |
| | *New pole Installation (General)* | *0* | | | |

B'kollox kien hemm miġbura 991 suġġett għal talbiet jew ilmenti li l-parti l-kbira ta' dawn ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Project and Services Ltd (IPSL) u dawk taħt l-

iskema ta’ xogħol fil-komunità (CWEF), jew kuntratturi tal-kunsill. Ma dawn hemm inkluż talbiet li għal raġuni valida ma' jkunux jistgħu jiġu approvati jew minħabba li s-suġġett ma’ jkunx taħt ir-responsabiltà diretta tal-kunsill bħal eżempju infurzar, dawl arterjali, sanita’, drenaġġ u oħrajn fejn ikun hemm bżonn li ssir talba jew rapport ma' dipartimenti jew entitajiet konċernati mas-suġġett partikulari. Aktar dettal dwar dawn jingħata l-quddiem f’sezzjoni 10, li tagħti deskrizzjoni ta’ ħidma mwettqa.

## 9- Kuntatt

Il- Kunsill Lokali kellu diversi laqgħat ma’ entitajiet u dipartiment diversi fejn ġew diskussi suġġetti varji relatati mal-Imsida. Fosthom kien hemm laqgħat ma;

- Transport Malta:

Fuq problemi ta’ traffic maniġment , e-scooters, infurzar u koperazzjoni fejn ikun hemm bżonn ta' informazzjoni sabiex il-kunsill jamministra aħjar skont il-leġislazzjoni Sussidjarja 363.163 tal-2011 - K.L.B.L. 41/08/2011 għal użu tal-iskall fid-daħla tal-Imsida kif ukoll dwar skemi relatati mal-European Mobility week 2022 u 2023 (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Infrastruttura Malta:

Dwar xogħol ta’ rikostruzzjoni ta’ toroq residenzjali, il-proġett tal-Imsida Creek u tiswijiet jew periklu go toroq arterjali (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Water Services Corporation:

Dwar il-proġett ta’drenaġġ go Triq Ix-Xatt Ta' Xbiex li reġa’ beda f' Awissu 2022. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Pulizija:

Dwar aktar kooperazzjoni, l-introduzzjoni tal- pulizija fil-komunità jew sabiex ikun hemm aktar infurzar jew sigurtà fit-toroq tal-Imsida, il-festa u l-organizzazzjoni ta’ attivitajiet oħra fil-lokal (ssib aktar dettalji fir-rapport).

- LESA:

Dwar aktar presenza ta’ uffiċjali korrettivi, infurzar fuq abbużi mill-kostruzzjoni, skart, parkeġġ illegali, monitoraġġ jew infurzar ieħor

permezz ta' CCTV installati permezz ta' fondi minn skema tal-istess Awtorità. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Enemalta:

Għal Intervent aktar effettiv fuq  rapporti dwar ħsara li jirraporta l-kunsill u dwar ix-xogħol li qed ssir  f' diversi toroq lokali biex jingħadu sistemi ta' cables ġodda.

- Greenpak:

Dwar Kooperazzjoni aħjar biex jinġabar skart riċiklat minn siti tal-iBins, CCTV installati magħhom u l- monitoraġġ mill-LESA. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- L-Awtorità għal Ambjent u Riżorsi.

Dwar Avviż Legali 146 tal-2021. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Id-Diviżjoni għal Gvern Lokali:

Dwar L-amministrazzjoni relatata ma' kapitlu 363 L-att dwar il-Gvern Lokali, il sit web ġdida ta' Diviżjoni u dwar Skemi għal fondi.

- L-Awtorità għall-Ippjanar:

Dwar applikazzjoni għal fondi biex ssir il-proġett tal-estensjoni fil-bini amministrattiv tal-kunsill. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Diversi Kuntratturi u Żviluppaturi:

Dwar xogħlijiet, permessi, kundizzjonijiet jew sigurtà got- toroq. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- European Commission against Racism and Intolerance (**ECRI**):

Dwar kif il-kunsill qed jahdem biex jilqa għal antisemitiżmu, diskriminazzjoni, razziżmu, intolleranza reliġjuża, u xenofobija.

- Rappreżentanti mill- Office of the High Commissioner for Human Rights: (Ġnus magħquda)

Biex jiddiskutu u jitgħallmu dwar kif il-Kunsilli Lokali f'pajjiżna qed jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet kollha tal-bniedem għan-nies kollha.

Il-Knisja:

Dwar il- festa u kif tista' ssir aktar kollaborazzjoni. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Għaqdiet kulturali jew sportivi:

Għal aktar parteċipazzjoni attiva u kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill jew fuq livell ta' Regjun (Lvant) (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Għaqda tad-Dilettanti tad- Dgħajjes u Sajd:

Dwar kooperazzjoni rispettiva sabiex il-kunsill jamministra b'mod aktar effettiv l-użu tal-iskall fid-daħla tal-Imsida skont Leġislazzjoni Sussidjarja 363.163 tal-2011 - K.L.B.L. 41/08/2011 u diskussjoni dwar il-proposti għall-emendi tal-istess Bye laws. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- L-Università ta' Malta:

Biex joħolqu opportunitajiet li jagħtu lok għal aktar kollaborazzjoni, bhal fis- SEA EU (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Foundation for Tomorrow's Schools (FTS):

Dwar il-progress jew bżonnijiet relatata mal-bini tal-iskola primarja go L-Imsida jew diskussjonijiet preliminari għal possibilità tal-użu tal-parkeġġ mir-residenti.

- KOPIN (Malta):

Dwar koperazzjoni fil-qasam ta' appoġġ lil dawk li jfittxu l-ażil u lir-refuġjati f'Malta u parteċipazzjoni f' proġetti finanzjati minn fondi Ewropew

- Regjun lvant:

Dwar organizzazzjoni ta' attivitajiet relatati mal-European Region of Sport 2023 (ssib aktar dettalji fir-rapport), l-inkonvenjenzi marbuta ma' e-scooters,bi thejjija ghar- Regjun Kulturali 2024

- Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali:

Dwar proġetti relatati ma' Slow streets, faċilitajiet għal e-scooters u parkeġġ kontrollat.

- H.E. Gloria Gangte, Kummissarju Għoli tal-Indja għal Malta:

Dwar inizjattivi ta' kollaborazzjoni u l-komunitajiet Indjani residenti ġol-Imsida.

- GHRC

Dwar il-progress fix-xogħol tal-proġett għal- promenade go Triq ix-Xatt Ta' Xbiex. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Ministri jew Segretarji Parlamentari:
  - Stephan Zrinzo Azzopardi - Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar
  - Owen Bonnici - Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali.
  - Alison Zerafa Civelli - Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
  - Clifton Grima - Ministru tal-Edukazzjoni u l-Isport.
  - Aaron Farrugia dak iż-żmien - Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali
  - Rebecca Buttigieg - Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza.

Dwar proġetti jew attivitajiet jew sfidi jew diffikultajiet fil-Lokalità li jikkonċerna ir-responsabiltajiet tagħhom.

## 10- Deskrizzjoni ta’ ħidma mwettqa.

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta’ kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta’ kull Kunsill Lokali huma definiti f'artiklu 33 tal-att dwar il-Gvern Lokali (Kapitlu 363). Parti mill-operat ssir mill-privat taħt kuntratti speċifiċi bħal dawk għal tindif ta’ toroq, gbir ta' skart domestiku jew il-ġbir ta’ skart goff li se jingħata aktar dettal dwarhom il’ quddiem. Matul is-sena jsir ukoll xogħol li hemm ħafna minnu ma jidhirx bħal dak li jsir mill-uffiċċju fosthom ħlasijiet ta’ kirjiet, rapporti lill- entitajiet li l-kunsill mhux responsabbli għalihom, koordinament ta’ xogħlijiet, tweġibiet ta’ ħafna mistoqsijiet Parlamentari u mid- Dipartiment u bosta affarijiet oħra. Nota : Il-kunsill jieħu ħsieb ukoll it-tqassim ta’ boroż f'isem il- Wasteserv biex jincentiva l-prattika għal għażla tal-iskart organiku .

Ta’ kuljum issir knis u tindif fit-toroq skont kuntratt ġdid li beda f'Marzu li jipprovdi għal skeda ta' tlett (3) darbiet fil- Ġimgħa b’ħames (5) Kenniesa.



Din il-miżura wasslet għal-titjieb f'servizzi offruti tant li mal-ewwel ġiet nnotata t-tnaqqis sostanzjali li kien hemm fin- numru tal-ilmenti relatati meta mqabbla ma' dawk reġistrati fi snin preċedenti. Liema servizz jammonta għal €111,542 bejn l-Imsida u s-Swatar u jinkludi ukoll l-ġbir ta' skart minn reċipjenti pubbliċi għal iskart mħallat jew tal-klieb kif ukoll tindif tal-kulverts . F'rigward ta' reċipjenti pubbliċi għal l- iskart mħallat jew tal-klieb, il-kunsill kull sena jara



fejn hemm bżonn u jieħu ħsieb li jiġu mibdula jew jżdiedu. Matul is-sajf ġie osservat li l- reċipjenti ta' skart separat li saru fuq il- promenade mhux addattati minħabba l-volum ta' skart li jkun hemm għalhekk ipprovda b'mod temporanju sakemm għamel ordni għal 14 il-reċipjenti ġdid għal skart mħallat li saru kif ġie konkluż ix-xogħol go Triq Xatt Ta 'Xbiex. Ma' dan kollu, il-Kunsill Lokali b'dispjaċir jinnota li filwaqt li hemm ċertu obbligu mill-komunità kummerċjali sabiex jipprovdu għal-skart ġenerat mill-attività tagħhom, qed ssir abbuż minn xi wħud inkluż xi residenti li jagħżlu li jarmu l-iskart mħallat tagħhom go reċipjenti pubbliċi jew ħdejhom li ma' jagħmel xejn tajjeb għal ambjent ta' madwarhom. Fuq nota pożittiva kien hemm ukoll interess u saru xi laqgħat preliminari ma' sidien t'attività kummerċjali go zona fejn hemm numru ta' stabbilimenti bil-ħsieb li jaraw kif jippromwovu l-formazzjoni ta' assoċjazzjoni bi skop ta' organizzazzjoni aktar effiċjenti għal manutenzjoni tal-ambjent madwarhom.



Servizz ieħor huwa il- gbir ta' skart imħallat (borża sewda €97,187) u ta' skart organiku (borża bajda spejjez għal kollezzjoni li jiġu mħallas lura minn Wasteserv). Minn Jannar 2023 il-kuntratt beda jiġi amministrat fuq skala reġjonali fejn kull kollezzjoni ssir skond l-iskeda Nazzjonali filwaqt li il-kunsill huwa ukoll responsabbli għal ħlas ta' dan is-servizz kif ukoll ta'

tipping fees relatati (€125,356) għat-tunnellaġġ ta' skart mħallat miġbur li huwa separat mill- ispejjez għal kollezzjoni. Dawn l- ispejjez raw żieda sostanzjali bl-introduzzjoni ġodda mill-Wasteserv kif deskritt hawn taħt liema rati huma għal kull tunnellata suġġetti għall-VAT.

| Materjal | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | 2033 | 2034 | 2035 | 2036 | 2037 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Skart Mħallat* | €40 | €60 | €80 | €100 | €120 | | | | | | | | | | |




Tabella 12 tagħmel paragun bejn 4 kategoriji ta' skart fis-sena 2023 ma' sena preċedenti li turi żieda jew tnaqqis fit-tunellaġġ miġbur mid-djar.

Bl-introduzzjoni tal-iskeda l-ġdida kien hemm bżonn li jinbidlu tabelli li kien hemm f' toroq bl- iskeda preċedenti ma' oħrajn li jinkludu tagħrif fuq l-iskeda Nazzjonali ġdida u messaġġ dwar l- iskart go kull triq. Sar ukoll tqassim ta' fuljett f'kull residenza u saret kampanja edukattiva fuq il-medja soċjali tar-Regjun lvant. Filwaqt li fejn kien osservat li qed ssir abbuż, tqassmu diversi ittri b'lingwa differenti go blokki residenzjali jew toroq u ġew mgħoddija wkoll diversi rapporti għal attenzjoni tal- ERA u LESA .

Matul is-sena 2023, ntlaqgħu 13,144 talba biex jinġabar skart goff (Bulky refuse) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali li kif turi it-tabella 13 kienet żieda sostanzjali mis-7,182 oġġett miġbura f'sena preċedenti.


Bulk refuse Collection
Tabella 13
Household Waste others
clothes rack (horse)
cleaning accessories (e.g. brooms)
bottles
ironing boards
BBQs (including gas BBQs)
gas cookers/ovens
gas heaters
TV aerial
mattresses
Car accessories others
bicycles
alloy wheels
hubcaps
car bumpers
car mirrors
car seats
car radio
cover seats
car batteries
tyres
Garden Waste others
canopies/gazebos
lawn mowers
parasol bases
gardening tools
pots
plants
leaves
logs
(DIY) others
sanitary ware (e.g. bath, basin, toilet)
ladders
jablo
conduit pipes
water pipes
solar panel frames
water tanks
wooden windows/doors
metal windows/doors
PVC windows/doors
tins (e.g. oil, paint)
gypsum and gypsum boards
foam
tiles
other textiles and related Items
rags
prams/pushchairs
suit cases/luggage
curtain rods
cushions/pillows
curtains
carpets
clothes
other furniture
cane furniture
sofas
dressers
desks
beds
wardrobes
cupboards
chairs
tables
0
500
1000
1500
2000
2500
3000
3500
7182 Bulky Waste Collected previous year
13144 B ulky waste collected current year

Dan huwa servizz li jingħata kull nhar ta’ Tnejn, Ħamis, Ġimgħa u Sibt. Ma’ dawn il-ġranet hemm ukoll provdut biex jekk ikun meħtieġ fil-ġurnata tal-Erbgħa ssir rotta mal-lokal skond fejn ikun hemm rapporti dwar oġġetti mormija fit-triq b'mod abbużiv (Fly Tipping).

Ma’ dawn kull nhar ta’ Tlieta ssir ġabra għal Weee li matul is-sena 2023 ntlaqgħu 2,126 talba għal ġbir ta oġġetti tal-elettriku jew batteriji – WEEE minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Kif turi it-tabella 14 kien hemm tnaqqis mill-2,291 oġġett miġbura f’sena preċedenti.




L- ispiża totali għal dawn iż-żewġt servizzi relatati ma’ ġbir ta’ skart goff kienet tammonta għal €49,953.

Hemm ukoll il-faċilitajiet tal-Bring in Sites (BIS) go Triq is-Swatar, Triq L-Irmiġġ u Triq Victor Denaro li huma ġestita taħt l-iskema tal-Greenpak.

**Tabella 15**




| | Ibin Cardboard (tons) | Ibin Metal (tons) | Ibin Glass (tons) | Ibin Plastic (tons) |
|---|---|---|---|---|
| Previous year | 22.15 | 3.39 | 101.79 | 4.98 |
| Current year | 82.84 | 3.53 | 112.72 | 4.25 |

Kif turi t-tabella 15 matul is-sena 2023, l-ammont ta' tunellaġġ għal tlieta minn erba' kategoriji kompla żid mas-sena precedenti waqt li l-plastic juri tnaqqis li seta' kienu affettwata mill- introduzzjoni tar- Reverse Vending Machines li ġew introdotti go l-Imsida mill-BCRS. Dawn li huma installati ħdejn il-Bring in Site go Wesgħet il-Kunsill Lokali k/m Triq L-Irmiġġ u go Triq tas-Swatar. L-iskema bdiet topera mill-14 ta' Novembru 2022 fejn qed jinżamm depożitu ta' €0.10ċ bħala ammont separat mill-prezz tax- xorb. Il-kunsill lokali mal-ewwel beda jinnota li l-iskema ġabet bidla fl-attitudni ta' l-individwi fejn kien osservat li dik li kienet waħda mill-pjagi u problema kbira ta' rimi bl-addoċċ fit-toroq tal-Lokalità, li fi żmien ta' ftit ġranet kważi

**Tabella 16**




| | Aluminum (RVM Qty in units) | Glass (RVM Qty in units) | PET-clear (RVM Qty in units) |
|---|---|---|---|
| Current year | 988.96 | 205.13 | 1,823.12 |
| Previous year | 76,174.00 | 20,850.00 | 166,810.00 |

għebet. Għalkemm dan ir-rapport, il-kunsill ma’ jistax iqabbel b’ċifri ta’ sena preċedenti sħiħa xorta qed jieħu ħsieb iwassal il-kwantitajiet li ġew depożitati fil-magni msemmija matul is-sena 2023 li huma mqabbla biss mill- bidu sal-31 ta ’Diċembru 2022. (Tabella 16)

Bħal kull sena mit-tnedija tas- Servizz Road Show, il-Kunsill Lokali kompla għaddej bil-kollaborazzjoni ma’ Wastesrev fil- kampanja Sort it Out biex żżid l-isforz għat-tkabbir tar-rata ta’ riċiklaġġ u biex jonqos aktar l-iskart mill-miżbla permezz ta' użu minn trakk sabiex jippromwovi prattiki sostenibbli tal-iskart, b'enfasi speċifika fuq is-separazzjoni tal-iskart b'mod aktar effettiv u effiċjenti.




Kif issemma aktar qabel minn sena għal oħra il-Kunsill Lokali L-Imsida jieħu diversi inizjattivi sabiex ikun hemm aktar għajnuna mill-Gvern Centrali jew biex japplika għal allokazzjoni ta' fondi minn skemi imnedija mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta‘ Policies fi hdan id-Dipartiment għal Gvern Lokali (SPI) jew fondi għal kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant (KRL) jew Entitajiet, Aġenziji jew Dipartimenti oħra li minn hawn il’ quddiem se ssir referenza għalihom b’ abbrevjazzjoni kif muri jew bl-isem skont l-każ.

Matul is-sena preċedenti permezz ta’ fondi minn skema tal-LESA għall-proġetti fil-komunità, ġew installati numru ta' CCTV go zoni definiti bħala hotspots kif ukoll mal-Bring in Sites mill-operatur tagħhom sabiex ikun

kontrollat mill- LESA l-abbuż ta' rimi ta' skart li mhux skond l-iskeda jew mhux kif suppost skond L.S 549.40.Il-Kunsill Lokali qed jiffinanzja l-ispejjez tal-operat kollu li jikkonsisti fil-kera għal meter tad-dawl, il-konsum u l-Wifi għal kull sit imsemmi li jammonta għal €6,408 matul is-sena 2023. Filwaqt li kien hemm titjieb f'ċerti zoni għad hemm oħrajn li għadhom ma' waslux u l-bogħod minn dak il-kontroll mixtieq.

L-Awtorità ghall- Ambjent u Riżorsi kompliet tipersisti dwar l-obligi imposta mill - Avviż Legali 146 tal-2021 sabiex l-kunsill jipprovdi Recycling Points (Bring in Sites) ġodda għal kull 2000 abitanti. Iżda Il-Kunsill Lokali żamm mal-pożizzjoni li ħa matul is-sena preċedenti minħabba il-problemi konsistenti li qed ikun hemm fi tlett siti tal-iBins preżenti li saru attrazzjoni għal rimi ta' kull tip ta' skart.



Kif ġie spjegat aktar qabel minkejja li dawn huma kontrollati b' CCTV, xorta qed ikun hemm numru sostanzjali ta' rapporti li jiġu mgħoddija mal-awtoritajiet konċernati minħabba li l-kunsill lokali m'għandux il-funzjoni bħala awtorità għal-infurzar u lanqas l-allokazzjoni finanzjarja għal dan l-iskop.




Bħal snin preċedenti il-Kunsill Lokali L-Imsida kompla jaħdem sabiex iqajjem kuxjenza lejn il-konservazzjoni tal-ambjent u matul is-sena 2023 applika u ġab fondi €1,500 minn skema SPI.SCI.03.2023 sabiex jieħu ħsieb jorganizza tindif tal-baħar fid- daħla tal-Imsida bħala parti mill-kampanja Clean up the World b'ispiża ta' €1,551.69. L-iskop ta' din l-inizjattiva kien sabiex jesponi l-effett negattiv kawżat minn żibel li qed jintrema illegalment u minħabba raġunijiet differenti ammont sostanzjali ta' materjal qed jispiċċa akkumulat ġol-baħar. Dan kien jikkonsisti minn kull tip ta' materjal li setgħa nġarr bil-wied jew mormi fil-baħar bħal reċipjenti tal-ħġieġ jew plastik, tyres u oġġetti tal-lastiku jew nylon, ħadid jew metall. Huwa ta' sodisfazzjon meta tara l-involviment ta' għaddasa voluntiera mill- NGO Żibel li kienu qed jiġbru u jwasslu l-art l-iskart li jsibu fil- baħar, filwaqt li oħrajn li ħadu ħsieb li ssir is-separazzjoni ta' l' fuq minn tunnellata materjal li nġabar waqt din l-attività.

Fost servizzi oħra li joffri il-kunsill permezz ta' kuntratt hemm it-tindif u kura tal- ġonna inkluż taħwil ta' pjanti u arbuxelli li l-infieq għas-sena 2023 kien jammonta għal €64,518.



Issir ukoll tiswijiet u bdil ta’ bozoz kif ukoll installazzjoni ta’ fanali ġodda fejn ikun hemm bżonn, b’total ta’ infieq għas-sena 2023 kien ta’ €36,212 .






Issir ukoll xogħol ta’ rutina għal manutenzjoni ġenerali ġo l-Imsida u s-Swatar mill-ħaddiema assenjati. Dan ikun pjanat jew għax ssir talba mir-residenti kif indikat qabel f’ tabella 8. Dawn ix- xogħlijiet jinkludu refreshing tas-sinjali tat-toroq li jsir skond skeda ta’ xogħol matul is-sena li tkopri l-Imsida ma’ Swatar (Msida) kollha, xogħol ta’ patching, twaħħil ta’ tabelli, ġbir ta’ skart mormi li m’jkunx jista’ jinġabar mil- kuntratturi u affarijiet oħra skond il-ħtieġa bħal eżempju nstallazzjoni ġodda jew tiswijiet ta' road humps jew tindif ta’ rutina tal-Għajn tal-Ħasselin mill-ħażiż jew materjal ieħor li jispiċċa fiha wara il-maltemp.



Ma’ dan hemm ukoll manutenzjoni li ma’ tistax ssir mill-ħaddiema assenjati għalhekk ikun imqabbad il-kuntrattur għal xogħol relatat ma’ kostruzzjoni ta’ ħitan jew konkos fejn bżonn jew manutenzjoni aktar wiesgħa bħal eżempju bankini.

Lejn l-aħħar tas-sena preċedenti beda jiġi mplimentat pjan ta’ intervent fuq 7,846 metru kwadru ta’ bankini f’bosta toroq permezz ta’ kisi tal-wiċċ jew bdil ta’ kurduni fejn meħtieġ sabiex dawn jibqgħu fi stat tajjeb sakemm jasal iż-żmien li Infrastructure Malta tkun tista’ tagħmel ir-rikostruzzjoni tat-triq u l-bankina inkluż il-mgħoddija tas-servizzi li ma’ jaqax taħt il-funzjoni tal-Kunsill Lokali għax huma r-responsabiltà ta’ Aġenziji jew dipartimenti tal-gvern oħra. (ssib aktar dettalji fir-rapport) L- ispiża komprensiva tax- xogħol kollu li sar kienet tammonta għal €406,334.



Fis-sena 2022 saret applikazzjoni għal Skema SPI/SCI/5/2022 li tagħti finanzjament li ġie approvat sa €10,000.00 għal-xogħlijiet ta’ manutenzjoni fuq il- funtana go pjazza Victor Denaro biex tarġa titħaddem u li sar matul is-sena 2023. Din il-funtana kienet tinsab fi stat ħażin u mimlija bil-ħamrija. Ix-xogħol kien jinvolvi tindif u kisi tal-bir taħt il-funtana, tneħħew il-pjanti u l-ħamrija li hemm ġol-funtana, inbidel il-parti ta’ fuq tal-funtana , ġie rranġat il-parti t’isfel tal-funtana inkluż il-liquid membrane, nbidel id-dawl, ġie rranġat kif ukoll ninbidlu xi pipes , nbidlet il-pompa u l-filter bid-drain plug, b’ispiża komprensiva ta’ €20,721.79.

Ġie ukoll aċċertat li din il-funtana se tibqa ġol post meta jkun implimentat xogħol ieħor relatat ma’ applikazzjoni preżentata fl- aħħar tas-sena preċedenti għal fondi minn skema proġetti sostenibbli imnedija mill- Ministeru għal-Ambjent. Din kienet proposta ta’ embellisment ta' Pjazza Victor Denaro li ġiet approvata minn Project Green fil-bidu ta’ 2023 u fil-mument għaddej il-proċess ta' konsultazzjoni ma’ diversi dipartimenti jew awtorità biex jiġu mġedda il-pjanti ta‘ żvilupp skont il-ħtieġa qabel toħroġ is-sejħa għal tender kif ukoll sabiex jinħargu il-permessi neċessarji.



Kompla x-xogħol ta' pjanar sabiex tikber il-binja tal-kunsill għall-bżonnijiet tal-lum. Dan kien jinvolvi diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mal-periti u l-inġinier sabiex tiġi finalizzata l-pjanta b'dak kollu meħtieġ inkluż l- istimi għal infiq u jitħejja d-dokument draft tat-Tender. Dan ġie konkluż u sabiex tinħareġ is-sejħa l-ewwel ried jingħadda lid-diviżjoni għal Gvern Lokali għal-vetting f'rigward ta' kriterji skond ir-regolamenti għal akkwist pubbliku. Minħabba li hemm obbligi mandatorji regolati mill- Green Public Procurement (GPP) dan ried jingħadda wkoll lid-Direttorat Ġenerali għall-ambjent u t-tibdil fil-klima. Saret ukoll laqgħa oħra mal- amministrazzjoni tal- P.A dwar il-fond għall-ippjanar tal-iżvilupp fejn ġie diskuss il-bilanċ disponibbli li għalihom tista' ssir applikazzjoni għal proġett msemmi. Għalhekk il-kunsill lokali ħa ħsieb jissottometti talba biex jaqbad ammont ta' fondi li jista' jkun emendat skont aħjar l-offerta għal kuntratt meta dan jingħata.

Tajjeb li wieħed issemmi li meta ssir applikazzjoni għal fondi b 'proposti għal proġetti taħt xi skema jew oħra dawn ikunu jkopru biss l- ispejjez relatati mal-implimentazzjoni li ma' jistghux ikunu kofinanzjat minn fondi oħra. Aktar minn hekk il-fond approvat jkopri 85% tal-ispejjeż li mhux applikabbli għal dawk relatati mas-servizzi professjonali bħal tal-perit jew inġinier. Għalhekk il-kunsill lokali mal-ewwel ħa' l-opportunita sabiex jibbenefika minn finanzjament sa' massimu ta' €35,000 minn fondi (KRL) Proġetti ta' Titjieb fil-Lokalità' li bih seta jkopri parti mil-miżati professjonali ta' proġetti applikati mal-fond għall-ippjanar tal-iżvilupp għal estensjoni tal-bini amministrattiv tal-kunsill (€20,944.41) jew Project Green għal pjazza Victor Denaro (€21,471.99).

Fis- sena preċedenti, il-funtana go Triq D' Argen reġgħet bdiet taħdem permezz tal-ftehim biex jiġu rranġati numru ta' funtani u ssir manutenzjoni regolari fuqhom. Iżda kontra dak mixtieq għad baqa' xoghol xi jsir fuq il-funtani tal-monument tal-ħaddiema, li fil-mument huwa wieqaf minħabba ċertu ħsarat li hemm u nuqqas ta' riżorsi meħtieġa. Għalhekk qed issir pressjoni ma' l-MTIP bil-għan li dan jitkompla fl-iqsar żmien possibbli. Apparti dan qed issiru diskussjonijiet oħra m'entitajiet differenti sabiex jiġu allokati fondi u ssir xogħol ta' restawr fuq l- istruttura esterna tal-monument.

L- istess bħal snin oħra, il-kunsill talab l- għajnuna permezz ta' xogħol ta'manutenzjoni li sar f'Misraħ San Guzepp u Misraħ 5 ta'Ottubru minn ħaddiema tal-FTZD, filwaqt li l-materjal għax-xogħol kien provdut mill-kunsill .



Lura matul is-sena 2021 Il-kunsill lokali kien għamel applikazzjoni bi proposta għar-restawr tal-Għajn tal-Ħasselin taħt skema SPI/SCI/1/2021 - imfassal għal l- istess skop f' postijiet jew Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021, li kwalifikat għal fondi. Wara diversi laqgħat li saru matul is-sena 2022 b' preparazzjoni dwar x' hemm bżonn ssir,inklużi l-permessi relatati tal-PA tkompliet l- fażi ta' implimentazzjoni tal-proġett li ġie konkluż matul is-sena 2023.



Apparti ix-xogħol ta' restawr approvat minn din l-iskema, l-kunsill Lokali ħa' ħsieb jiffinanzja €62,298.63 għal- xogħol ieħor ta' manutenzjoni mad-dawra tal- istruttura, saret sistema ta' dawl ġdid u tnaddaf il-qiegħ tal-banju mill- kwantità ta' ħama li akkumulat go fih matul is-snin. Fil-mument qed ssir preparazzjoni sabiex tiġi installata sistema ta' pompi għaċ-ċirkulazzjoni tal-ilma.

Ħidma oħra qed ssir f'rigward ta' proġett li  jmur ma pjan, li jikkumplimenta dak tal-afforestazzjoni go parti mil l-wied taħt Triq Indrì Grima Swatar, fejn kienu saru diskussjonijiet  ma' l-MCESD u ġew preżentati pjanti b'estimi approssimattivi għal proġett kif ukoll saret applikazzjoni li ġiet approvata mill- PA għal implimentazzjoni tal- ewwel fażi li ġie konkluż matul is-sena bi' ftehim mil-MCESD li finanzjat ix-xogħol biex ssir rikostruzzjoni tal-ħitan tas- sejjieħ li kien hemm.





Fl-istess ħin, il-kunsill beda jiddiskuti ma' Project Green għal aktar finanzjament u  jieħu ħsieb il-proċess preliminari biex japplika wkoll għat- tieni fażi li tinkludi passaġġ aktar aċċessibbli, bankijiet u proposti dwar possibilità ta' konnessjoni mat- Triq il-Wied L-Imsida permezz ta' struttura tal-metall b'taraġ biex l-intervent jkun minimu fuq l-art msemmija.

Matul is-sena 2023 kompliet il-konsultazzjoni dwar il-proġett Msida Creek



kif proposti ta' aktar spazju miftuħ għal użu pubbliku. Saret ukoll laqgħa nformattiva għar resident u l-għaqdiet tal-lokal biex I.M tagħraf u tiddiskuti l-ħtiġijiet tagħhom. Il-kunsill kien wkoll preżenti waqt il-proċess tal-applikazzjoni filwaqt li se jkompli jaħdem biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli waqt il-fażi t'implimentazzjoni tal-proġetti.



Kompliet ukoll għaddejja il-ħidma ta' koordinazzjoni ma' Infrastructure Malta biex jitkompla l-programm ta' rikostruzzjoni għal l-ewwel grupp ta' toroq urbani u dawk li kienu proposti għal ma' pjan ta' ħidma 2023-2025. Matul dan il-perjodu ġie konkluż ix-xogħol go Triq tal-Qroqq, Bieb it-Torri, L-Zamenhof,Ta' Xmiexi , parti minn Triq J.Borg li tinsab k.m bejn Triq Ġwann Mamo, Triq Oscar Zammit u parti minn Triq Misrah il-Barrieri (Cul de Sak) kif ukoll ix-xogħol relatat ma' servizzi ġenerali flimkien mal-W.S.C go Triq l-Irmiġġ, Triq Clarence, parti minn Triq il-Baċir u li wassal biex il-bankini kif ukoll it-tarmak saru mill-ġdid. Ma' dawn il-kunsill lokali baqa' involut f'konsultazzjoni relatata ma' PA/00886/20 għal proġett ta' żvilupp ta' blokka residenzjali privata go parti minn Triq l-Irmiġġ u Triq il- Karozzin.



B'hekk kompla jwassal il-proposti tiegħu għax-xogħol ta' kostruzzjoni ta' pjazzetta u triq ġdida li tinfed għal triq Dun Andre k/m Triq il- Wied. Affarijiet oħra diskussa kienu f'rigward tal-istruttura li nbniet fil-pjazzetta sabiex din tgħaddi mingħand l-iżviluppatur għal taħt l-amministrazzjoni tal-kunsill għal użu li jista' jibbenefika l-pubbliku.

Il-Kunsill Lokali għal bosta snin baqa' jiġbed l-attenzjoni f'rigward ta' ħsara li kien hemm sistema għall-ilma tax-xita go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex kif ukoll persistenti fit-talbiet tiegħu permezz ta' diversi komunikazzjonijiet u laqgħat ma' entitajiet konċernati sabiex tinstab soluzzjoni għal-għargħar ma' kull maltemp. Ix-xogħol meħtieġ jinvolvi spiża ta' kapital elevat li jinkludi trinek għal-kanali tal-ilma tax-xita ġodda minflok dawk eżistenti liema tip ta' xogħol ma' jaqax fir-responsabiltà tal-kunsill lokali. Għalhekk kien ta' sodisfazzjon meta f'April 2023 l-MPWP ikkonfermat li se tagħti bidu biex dan il-proġett jibda fl-iqsar żmien possibbli qabel ma' jingħata it-tarmak mal-konklużjoni tal-proġett ieħor għat- tqegħid tas-sistema ġdida ta' drenaġġ mill- WSC f' istess triq. Sfortunatament f'Awissu waqt li kien għaddej ix-xogħol il-kuntrattur inkarigat ġie mwaqqaf minn TM minħabba nuqqasijiet li kien hemm. Sintendi dan wasal għal inkonvenjenza sakemm b'osservanza ta' drittijiet legali jkun konkluż il-proċess ta' rikors fil-qorti li tawwal iż-żmien. Għalhekk kien f'Novembru meta l- I.M setgħet tieħu l-inkarigu ta' dan ix-xogħol li ġie konkluż f'Jannar 2024.



Tkompliet ukoll ħidma bi' preparazzjoni sabiex jiġi mplimentat xogħol ta' tisbiħ fir-round about li hemm f' Ċirku tal-Imsida li pariti minnu se jkun parti finanzjat (85%) minn fondi (€52,000) taħt skema SPI/SCI/9/2022. Dan kien jinvolvi konsultazzjoni ma' entitajiet jew dipartimenti jew awtoritajiet kif ukoll applikazzjonijiet għal permessi neċessarji li ġew approvati mill -Awtorità għal ippjanar u Transport Malta. Ix-xogħol fuq is-sit mistenni li jibda f'April 2024.









F'Novembru 2023 ġiet implimentata miżura permanenti ta' mobbilità sostenibbli li tipprovdi servizz ta' e-Imsida *shuttle* bħal mezz affidabbli, sigur u sostenibbli b'użu ta' vettura elettrika biex tittrasporta n-nies lejn post u lura bejn punti ta' tluq u ġbir magħżula li jinsabu fiċ-ċirku ta' ġewwa tal-Lokalità li ma tkunx moqdija mis-sistema nazzjonali tat-trasport pubbliku f'intervalli regolari. L-akkwist tal-vettura kien ffinanzjat minn fondi (€50,000) marbuta mal-*European Mobility Week 2022*, u wara sejħa għal tender. Ma' dan kien hemm ukoll l-ispejjez oħra relatati ma' reġistrazzjoni (€ 10,171.55), l-assigurazzjoni (€2,133) kif ukoll dawk operattivi fosthom ix-xufier (€2,563.55) għal-perjodu msemmi.




| Pick-UP Points | Trip 1 | Trip 2 | Trip 3 | Trip 4 | Trip 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Departure - Kuncizzjoni | 8.00 | 9.30 | 11.00 | 12.30 | 14.00 |
| San Lwigi c/w J.Catania | 8.02 | 9.33 | 11.03 | 12.33 | 14.03 |
| M.Serrar c/w A.Bosio | 8.07 | 9.35 | 11.05 | 12.35 | 14.05 |
| Xatt ta' Xbiex (Skall) | 8.11 | 9.37 | 11.07 | 12.38 | 14.08 |
| D'Argens c/w San Antnin | 8.14 | 9.40 | 11.10 | 12.41 | 14.12 |
| Skola c/w V.Denaro | 8.16 | 9.44 | 11.13 | 12.43 | 14.16 |
| L-Isqof F.S Caruana c/w San Lwigi | 8.18 | 9.47 | 11.16 | 12.45 | 14.19 |
| Gzira Health Centre | 8.25 | 9.50 | 11.21 | 12.49 | 14.21 |
| C. Brocktorff c/w G.Schranz | 8.28 | 9.55 | 11.26 | 12.56 | 14.26 |
| Biebit-Torri c/w Qroqq | 8.31 | 9.59 | 11.29 | 12.60 | 14.30 |
| Regional (Skate Park) | 8.35 | 10.02 | 11.33 | 13.03 | 14.33 |
| Swatar (B.I.S) | 8.38 | 10.07 | 11.37 | 13.07 | 14.37 |
| Indri Grima c/w Logga | 8.41 | 10.09 | 11.39 | 13.10 | 14.39 |
| Innocenz Zammit c/w Dijonisju Famucelli | 8.44 | 10.12 | 11.43 | 13.13 | 14.41 |
| Ahwa Cefai C/w Dun Karm Psaila | 8.49 | 10.14 | 11.46 | 13.16 | 14.43 |
| Mater Dei | 8.51 | 10.17 | 11.48 | 13.19 | 14.46 |
| Universita | 8.54 | 10.21 | 11.52 | 13.21 | 14.48 |
| Torri c/w L.Zamenhof | 8.57 | 10.25 | 11.56 | 13.24 | 14.50 |
| Dun Kalcidon Schembri c/w Qawsalla | 9.00 | 10.29 | 11.59 | 13.28 | 14.54 |
| Snajja c/w Oscar Zammit | 9.03 | 10.31 | 12.03 | 13.30 | 14.57 |
| Censu Farrugia/ Wesghet il-Kunsill | 9.06 | 10.34 | 12.06 | 13.33 | 14.59 |
| Xatt tal-Imsida | 9.09 | 10.37 | 12.14 | 13.36 | 15.02 |
| Arrival - Kuncizzjoni | 9.12 | 10.40 | 12.17 | 13.38 | 15.05 |

F' Diċembru 2023 , il-kunsill reġa' ħa ħsieb u xtara 152 ktieb bil-Malti




finanzjati minn fondi lokali (€1,102) biex jitqassam lit-tfal li jattendu l-iskola primarja tal- Lokalità. Għal dan il-għan intgħażel il-ktieb "Karmelu tar-raħal t'isfel" miktub mis-sur Charles Buttigieg li jiġbor fih stejjer li juru l-ħajja tat-tfal fiż-żmien ta' wara l-gwerra u joħloq tifkiriet ukoll lil adulti li kienu jgħixu f'dawn iż-żminijiet. Minħabba bosta attivitajiet u il-

vakanzi tal-Milied,il-preżentazzjoni tal-kotba lit-tfal fl-iskola ġiet posposta għal April tas-sena 2024. Inxtraw ukoll kotba għal librerija lokali (€76.20) u f'rigward ta' faċilitajiet għal self jew użu ta' kotba mal-lokal (Out door Library) saret espressjoni t'interess għal skema b'dan l-iskop u b'intenzjoni li jekk l-applikazzjoni tkun approvata, il-kunsill lokali, jiffaċilita l-allokazzjoni billi jieħu ħsieb li jissupplixxi u jmantni l- istrutturi allokati madwar il-lokal.




Għat tieni sena konsekuttiva l-kunsill qed jipprovdi għal membri tal-komunità jew impjegati u lill familjari tagħhom biex jibbenefikaw minn servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PC ( €5,000 ) li jinkludu pakkett b'servizz ġenerali, tindif fiżiku, ifformattjar mill-ġdid, tneħħija tal-virus u installazzjoni ta' software kontra l-virus.

Matul din il-leġislatura l-kunsill lokali, fejn possibbli ra kif jista' jimplimenta



miżuri li jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-annimali għalhekk minkejja li matul is-sena 2023 ma' kienx hemm skema għal fondi governattivi xorta ħa' inizjattiva biex jalloka €5,000 b'hekk bil-mezzi li kellu kompla jgħin lill cat feeders bi programm tiegħu għat-tqassim ta' vouchers.

Kif mħabbar f'rapport tas- sena preċedenti, l-għaqda Nanniet Malta permezz ta' MOU bdiet torganizza numru ta' laqgħat u attivitajiet soċjali fil-bini tal-kunsilli kull nhar ta' Erbgħa bejn il- 5 u s- 7 p.m. F'dan il-perjodu l-kunsill lokali flimkien mal-għaqda żar ir-raħal ta' Buscemi go Sqallija biex jimplimenta permezz ta' fondi Ewropew (€7,960) programm dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri



(CERV). L- iskop tal-proġett kien li jippromwovi u jsaħħaħ b'mod attiv l-anzjanità attiva fil-komunitajiet, fejn kien hemm skambji bejn iċ-ċittadini Maltin u Taljani b'diskussjoni dwar il-patrimonju kulturali u t-tradizzjonijiet tal-Imsida u ta' Buscemi. Saret ukoll diskussjoni dwar kif il-pandemija tal-COVID-19 effettwat il-ġenerazzjoni anzjana.

Fl-20 ta' Marzu, il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-knisja Arċipretali, l-Għaqda Melita Banda San Guzepp u l-Għaqda Armar organizza l-festa tat-tfal f'ġieh il-patrun lokali San Guzepp, b`sehem tal-iskejjel primarja lokali Santa Tereza u San Franġisk L-Imsida.




Din flimkien ma' erba' attivitajiet oħra li jsegwu kienu parti finanzjata minn fondi (KRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u baned għal ammont komprensiv ta' €2,724.29.

Għal darba oħra il- Kunsill Lokali ħa ħsieb jorganizza il-purċissjoni tat-tfal fl-Imsida b'sett vari tal-Ġimgħa Mqaddsa li nxtraw fuq perjodu ta' żmien b'finanzjament ta' €10,000 permezz ta' Skema 6 li dak iż-żmien kienet

imnedija minn kif kien magħruf il- Kunsill Reġjonali Ċentru bl-iskop li tkun imsaħħa l-kultura Maltija.




L-attività saret nhar it-28 ta' Marzu 2023 b`kollaborazzjoni mal-iskejjel primarja lokali Santa Tereza u San Franġisk L-Imsida.




Fl-istess żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa saru ukoll tlett attivitajiet oħra.

Il- Mixegħla ta' xemgha ikkuluriti b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ġimgħa l-Kbira fi ħdan l-Għaqda Melita Banda San Guzepp nhar Ħamis ix-Xirka go Misraħ San Guzepp.

Il-wirja Sagra tal-Ġimgħa l- Kbira fil-binja tal- Kunsill Lokali L-Imsida.

Avveniment ta' djalogu dwar is-sawm fir-reliġjon go Misraħ San Guzepp flimkien mal-knisja Parrokkjali, Ahmadiyya Musulmana Jamaat u l-komunità Marokkina f'Malta.

Waħda mill- akbar sfidi ġol- Kunsill Lokali L-Imsida hija d- diversita kulturali, għalhekk ma' jistax jonqos li jkun hemm ħidma attiva relatata mas- suġġett.

Nhar is-Sibt 25 ta' Frar 2023 ġiet varata l-ewwel minn sensiela ta' diskussjonijiet dwar is-suġġett "Patrijotti = Kontra r-razziżmu" organizzata mid-direttorat għad-drittijiet tal-bniedem b'kollaborazzjoni mal-pjattaforma kontra r-razziżmu u l-Kunsill Reġjonali Lvant li saret fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imsida. Għal-avveniment kien hemm panell ta' kelliema minn sfond differenti u ħa xejra ta'diskussjoni miftuħa li bdiet minn punt li l-imħabba lejn Malta llum ma tirrifjuta xejn mill-istorja tal-pajjiż li fl-istatus tiegħu jinkludi wkoll prinċipji ta' ugwaljanza li jistgħu jwasslu biex titħaddan soċjetà b'diversita interkulturali u li tixpruna s-suċċess ekonomiku tal-pajjiż.




Il-kunsill Lokali attenda għal kull laqgħa li saret tal- Border Towns and Islands Network (BTIN) li huwa Netwerk tal-Gzejjer u Bliet fil-fruntiera. Kif ukoll ħa ħsieb jilqa' is-sitt konferenza SIREN li saret bejn is-27 u t-28 ta' Marzu flimkien ma' BTIN. Din kienet tinkludi Round Table u laqgħat informali bit-tema "Ħitan u Bibien fl-Ewropa, Politika dwar l-immigrazzjoni u Ċittadinanza Ewropea mill-perspettiva tal-gzejjer u l- bliet tal-fruntiera". Din kienet parti finanzjata €178.4 minn fondi (KRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-lokal u baned li saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill. Id-delegati minn diversi pajjizi Ewropej kellhom ukoll



opportunitajiet jattendu għal purċissjoni tat- tfal bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tat- tfal.

Nhar it-Tlieta 20 ta‘ Ġunju 2023 saret laqgħa ta’ konsultazzjoni pubblika ġol uffiċju tal-Kunsill Lokali L-Imsida dwar il-pjan ta’ azzjoni għall-integrazzjoni li għaliha kien hemm preżenti l-Onor Rebecca Buttigieg Segretarju Parlamentari għar- Riformi u l- Ugwaljanza li ħadet nota tal-kummenti ta’ dawk li attendew.

Fit-2 ta’ Settembru ġiet organizzata b’suċċess serata multi kulturali bil-




parteċipazzjoni ta‘ bosta komunitajiet ta‘ residenti barranin. SHARING CULTURES serviet l-iskop ta’ ċelebrazzjoni tad-diversità permezz tal- lingwi universali tal-mużika, iż-żfin, l-ikel u l-arti. Din kienet parti finanzjata mid-direttorat għad-drittijiet umani (€1000), Visit Malta u minn fondi (KRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-lokal u baned bħala parti mill- programm Sajf fil-Pjazza (€1,186.81).

Il-programm Ikber magħna jservi l-iskop biex ikun offrut bla’ ħlas, appoġġ




edukattiv u akkademiku wara l-iskola lit- tfal ta’ bejn it-8 u l-10 snin fis-suġġetti tal-iskola tagħhom filwaqt li jkollhom ħin biex jissoċjalizzaw bejniethom, jaqraw u jilgħabu. Għalhekk wara li kien hemm konkorrenza tajba matul il-perjodu skolastika sal-vaganzi tas-sajf reġa’ ġie mġedded għal perjodu ieħor mid- 9 ta’ Ottubru. Dan il-ftehim jippermetti lill-Optimist Club (Malta) biex topera fil-bini

amministrattiv tal-kunsill u juża xi utilitajiet nhar ta’ Tnejn u l-Ħamis.

Programm ieħor ta' attivitajiet annwali huwa marbut ma’ Jum il-Lokal b’attivitajiet għall-Ġimgħa L-Imsida (€3,804.90) li tilħaq il-qofol tagħha f' nhar Jum l-Imsida li kien ċelebrat l-Ġimgħa 9 ta' Lulju, dan kien jinkludi l-attività marbuta mal-ġurnata għat-tfal u ħarġa għal- Aquapark. Għal okkażjoni ta’ Jum l-Imsida, ngħata rikonoxximent mill-kunsill lil numru t’għaqdiet jew residenti. Filwaqt li għal Mertu Msida, daħlu tlett nomini, li kienu ta’ Monsinjur Alfred Camilleri u s-sinjura Doris Pace u l-Għaqda tal-Gostra. Il-bord tal-għażla ghazel l-Ghaqda tal-Gostra biex tingħata l- Onorifiċenza Ġieh L-Imsida 2023. Dawn ġew parti finanzjata minn fondi (KRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u baned.









Waħda mill- funzjonijiet tal-kunsilli hi li jorganizzaw attivitajiet sportivi jew fiżiċi għar-residenti ta' kull età, jaħdmu mill-qrib mal-għaqdiet sportivi tal-lokal, jipprovdu faċilitajiet sportivi tajbin u jorganizzaw attivitajiet sportivi li normalment ma' jsirux mill-għaqdiet sportivi tal-lokal. B'hekk bħal snin preċedenti kien hemm kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali biex ġiet organizzata l-Ġostra fi żmien il-festa, u l- Imsida Football Nursery biex jiġi organizzat programm sportiv li ġew finanzjati minn fondi (KRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika ,Jum il-Lokal u baned (€838).





Fost in-numru ta' attivitajiet li jiġu organizzati, sar programm ta' attivitajiet annwali Sajf fil-Pjazza bejn it-30 ta' Ġunju u 2 ta' Settembru li beda b' Country Night u Ron Tom Jones. Wara l-festa fit-28 ta' Lulju kompla għaddej b 'Lorna Fiorini, Freddie Newland, Tikka Banda, Josuel as Elvis, Fuse u Lejla tal-Komunitajiet. Dan kien ffinanzjat (€5,455.30) minn fondi (KRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika,Jum il-Lokal u baned.




Funzjonijiet statutorja oħra hi li titħares l-identità lokali fejn jistgħu jittieħdu dawk l-inizjattivi neċessarji sabiex jiġi mħares l-wirt storiku u kulturali tal-lokal, it-tradizzjonijiet u l-folklor. Għal dan il-għan u sa fejn hu possibbli l-Kunsill Lokali jipprova jsostni lill-Għaqda Banda Melita San Guzepp sabiex tiġbor fondi għal spejjez marbuta mal-attività filantropika tagħha billi ġie pprovdut għal xi servizzi relatati mal- festa tfal (€620). Filwaqt li b'mod reċiproku l- Għaqda tikkontribwixxi b'għajnuna loġistika skond il-ħtieġa sabiex jitwettaq il-programm Sajf fil-Pjazza matul is-sajf

go Misraħ  San Guzepp jew attivitajiet oħra li jista’ jkun hemm matul is-sena.

Għal matul il-Ġimgħa tal-festa l-kunsill Lokali jieħu ħsieb ukoll li jitpoġġew ukoll  żewġt latrini mobbli f'postijiet differenti sabiex jkunu ta‘ servizz sanitarju addizzjonali għal pubbliku matul il-Ġimgħa tal-festa li ġew provduti bla’ ħlas mill- kuntrattur tal-knis, filwaqt li għas-sigurtà,  ġie provdut għal  Fire Engine minn fondi LESA għall-infurzar waqt l-attivitajiet (€681.10).





Kompliet il-kollaborazzjoni ma l- Università ta' Malta fejn il-Kunsill Lokali pparteċipa f' bosta  laqgħat kemm f' lokalitajiet barra minn Malta kif ukoll online bejn rappreżentanti ta' Universitajiet jew Sindki tal-municipilita / kunsilli affiljati fil-programm SEA-UE 2.0 . L- iskop tal-proġett huwa sabiex jintegra s-SEA-UE 2.0 mal-komunità u l- ekosistema lokali, u jikkontribwixxi għat-titjib tal-benesseri tas-soċjetà billi jgħaqqad aktar fil-fond ma' partijiet interessati u differenti fis-soċjetà.  Waħda minn dawn il-laqgħat saret go Malta f' Ottubru għalhekk ġiet preżentata opportunitajiet sabiex b’kollaborazzjoni mar- Reġjun tal-Lvant ssir attività relatata mal- European Region of Sport fejn sar  tournament tal-football  bejn l-studenti tal-universitajiet differenti jew bejn l-għalliema li magħhom ingħaqad team tar-Regjun iffurmat minn kunsilliera, jew ħaddiema tal-amministrazzjoni.



Kif imħabbar fis-sena 2022,ir -Reġjun Lvant kiseb it-titlu bħala l-‘European Region of Sports 2023’, B’hekk kien hemm numru t’attivitajiet iffinanzjati minn fondi relatati mar-reġjun Ewropew tal-isport 2023 (€1,825.5) li jinkludu cricket tournament, tournament tal-bocci, Street Gap (April) , Active in the Square li fiha sar ġbir ta‘ fondi għal Puttinu cares (April), sessjonijiet ta’ Yoga (minn Ġunju sa Awissu), gostra ma’ San Ġiljan (Awissu) u Active in the Square waqt attività relatata ukoll mal- European Mobility week f’Settembru li għalija se jingħata dettal il’ quddiem. Kif issemma qabel f’Novembru sar ukoll tournament tal-futbol SEA-EU li ġie organizzat b’kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali l-Imsida , l-Università ta' Malta u l-Kunsill Reġjonali tal-Lvant. Waqt wħud minn dawn l-attivitajiet kien hemm provdut sabiex ikun hemm uffiċjali għal ħarsien tas- sigurtà pubblika jew immaniġġjar tat- traffiku li kienu ffinanzjat minn skema ta’ fondi LESA għall-infurzar waqt l-attivitajiet (€604.39).







Kif imsemmi qabel, saret applikazzjoni b'rabta mal-ġimgħa Ewropea tal-Mobbilità 2023, sabiex tkun organizzata attività parti finanzjata minn skemi għal fondi minn Transport Malta (€2,500) u LESA għall-infurzar waqt l-attivitajiet (€277.20) u fondi oħra lokali (€388.89). Kif propost din saret fit-22 ta' Settembru bejn is-7:00pm u l-10:00pm go żona ħielsa mit-traffiku għal logħob ta’ tfal u sport. Quddiem l-knisja

parrokkjali, go Misraħ San Guzepp, parti minn Triq ix-xatt Ta' Xbiex c/w Triq Antonio Bosio kif ukoll il-promenade.  Dawn it-toroq ngħalqu  fl-4:30pm biex jiġu armati  play grounds temporanji għall-futbol, basketball, handball kif ukoll BMX u scooter/ faċilitajiet tal- iskateboard waqt sar fun park b’ inflatables differenti bħal bouncy castles u oħrajn f' Misraħ San Guzepp. B’hekk il-pubbliku kellu l-opportunita rari li jgawdi għal ftit sigħat go waħda mill-aktar toroq traffikuża  tal-Imsida biex irrilassa b'ċertu serħan tal-moħħ waqt li t-tfal lagħbu u pparteċipaw liberament fi sport differenti f'żona sigura. Barra minn hekk, l-avveniment serva ta’ opportunita ta' biex jiġi ppubbliċizzat il-proġett ta' servizz ta' shuttle qabel it-tnedija tiegħu. Kienet vera ħasra wara tant preparazzjoni parti mill- attivitajiet kellhom jieqfu minħabba nuqqas ta’ komunikazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet konċernata għal immaniġġjar tat- traffiku minkejja li kien hemm konsultazjzoni mifruxa b’involviment wiesgħa ta’ bosta uffiċjali.

REGION OF CULTURE 2 0 2 4

F’Novembru ir- Reġjun Lvant ġie magħżul bħala Regjun Kulturali għas-sena 2024, Għalhekk bdew il- preparamenti neċessarji sabiex jiġu identifikati attivitajiet li jistgħu jinżammu jkunu mifruxa mat -tnax il- Lokalità li jaqgħu taħt dan ir-reġjun.





Bħal kull sena l- Kunsill Lokali jieħu ħsieb it- tiżjin għal żmien il-Milied madwar it-toroq tal-Imsida u Swatar, iżda ir-riżorsi ma' jippermettux għal- ispiża go kull triq għalhekk ma' setax jonqos li ssir applikazzjoni sabiex jibbenefika minn fondi ta' mhux aktar minn €3,000 li ġew imnedija minn skema (KRL) għal xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2023. Dan kien jikkonsisti t-tiżjin ta' dawl go Triq D' Argen (€2500) u t-tiżjin ta' siġar go Misraħ San Guzepp b'dawl tal-Milied (€500).




Attività oħra li l-kunsill lokali jipparteċipa fiha hija l-kunċert ta' lejliet il-milied fuq iz-zuntier wara l-purċissjoni bil-Bambin (€550), din isir b'kollaborazzjoni mal-għaqda tal-banda lokali li jservi għal riżorsi meħtieġa biex tinżamm ħajja din il-kultura .



Ma' kienx jonqos li l-Kunsill Lokali L-Imsida għar-raba sena konsekuttiva jipparteċipa f' Rigal bi Mħabba li hija inizjattiva sabiex inxtraw numru ta' rigali għal tfal (€250) li l-familji jew kustodji tagħhom ma' jkunux f'qagħda li jixtru rigal fil-Milied. Għal dan il-għan



Ambjent Malta qasmet siġar tal-milied lil kunsilli biex wara jitħawwlu f'post adegwat gol- lokal.

**<u>Affarijiet Oħrajn</u>**




Matul is-sena 2023 reġa’ kien hemm arranġament mad- dipartiment tas-saħħa biex jiġi offrut is-servizz tal-injezzjoni għal influwenza mill-bini amministrattiv.




Għal l-aħħar tlett snin il-kunsill kien qed jaħdem sabiex jiġi ntrodott is-servizz tal-pulizija tal-komunità. Għalhekk wara bosta diskussjonijiet li saru matul is-sena laqgħa tajjeb l-aħbar li f'Ottubru se jkun qed jiġi mħarreġ team magħżul biex jibda jopera l-Imsida, il-Gzira u Ta‘ Xbiex 2023.




Għat tieni sena, l-pubblikazzjoni tal-kalendarju 2024 kien finanzjat u mplimentat fuq bażi Reġjonali biex jitqassam f’12 il-lokal fi ħdanu. Din id-darba l-kunsill lokali ħa’ deċiżjoni li dan ma' jitqassamx go kull dar jew appartamenti iżda li jsir avviż, u min vera jinteressah setgha jiġbor kopja mil-bini amministrattiv tal-kunsill. Dan seħħ minħabba li hawn min ma‘ jkunx irid kopja li mbagħad tispiċċa mormija b’xi drabi anke fit-toroq għalhekk mhux xieraq li sir ħela ta' materjal li jispiċċa jservi kontra l-iskop prinċipali li għalih ġie ppublikat. Tajjeb li wieħed isemmi li kif mill-bidu tas- sena 2023 l-kuntratt tal-iskart ġie taħt ir-responsabiltà Reġjonali, apparti l-viżwali għal kull xagħar b’tema relatata ma’ snajja’ lokali hemm ukoll l-iskeda skond il-ġurnata u tip ta’ ġbir ta’ skart domestiku.

F’rigward ta’ reviżjoni tal-Bye Law għal-Iskal, il-kunsill kompla jiddiskuti l-emendi u bi prova beda jimplimenta amministrazzjoni diretta li titlob li ssir applikazzjoni għal-permess sabiex sidien ta‘ dgħajjes jagħmlu użu mill-Iskall. Dan kien jinkludi formola t’applikazzjoni b’inklużjoni ta‘ termini u kundizzjonijiet definiti li applikant kif jiffirma ikun qed jaċċetta li huwa

obbligat josserva. Ġie introdott ukoll ħlas ta‘ garanzija li tintilef flimkien ma‘ penali amministrattivi f’każ ta‘ ksur tal-ftehim. Din il-formola se tkun parti mid-dokument tal-Bye-law relatata.

## 11- Konklużjoni


Kunsill Lokali L-Imsida
p: 21334343
a: Ċentru Ċiviku,Misraħ Menqa,L-Imsida MSD 9090
e: msida.lc@gov.mt
w: https://imsida.org

Il-Kunsill Lokali l-Imsida jixtieq jistieden lir-residenti tal-Imsida li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali kurrenti u li huma eliġibbli jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill, sabiex jattendu għal-Laqgħa li ser issir nhar it-Tlieta 25 ta'April 2023, fil-5:30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.

Matul din il-laqgha ser jinghata rendikont tal-hidma tal-Kunsill matul is-sena li ghaddiet. Wara r-residenti jkollhom ic-cans sabiex iressqu s-suggerimenti u l-ilmenti taghhom

Dawk li huma interressati li jattendu għal-laqgħa huma ġentilment mitluba jippreżentaw il-karta tal-identità mad-dħul.

Matul is-sena 2023 saru żewġt laqgħat pubbliċi kif mitlub mil-leġislazzjoni biex ir-residenti jkunu nfurmati bil-ħidma tal-kunsill u l-pożizzjoni finanzjarja sa tmiem is-sena preċedenti (25 ta’ April 2023)

Jew biex ikun diskuss u mġedded il-pjan ta’ ħidma (14 ta‘ Diċembru 2023) fejn ir-residenti jwasslu s-suġġerimenti tagħhom għas-sena suċċessiva. (Ara ukoll Appendiċi)


Kunsill Lokali L-Imsida
p: 21334343
a: Ċentru Ċiviku,Misraħ Menqa,L-Imsida MSD 9090
e: msida.lc@gov.mt
w: https://imsida.org

Il-Kunsill Lokali l-Imsida jixtieq jistieden lir-residenti kollha tal-Imsida li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali u li huma eleġibbli jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill, sabiex jattendu għal-Laqgħa Annwali tal-lokalita’ li ser issir nhar il-Ħamis, 14 ta’ Diċembru, 2023, fil-5:00pm, fl-indirizz t’hawn fuq.

Matul din il-laqgħa ser jiġi diskuss il-programm ta’ ħidma tal-Kunsill għal din il-leġislatura. Wara, r-residenti jkollhom iċ-ċans sabiex iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

Filwaqt li l-Kunsill Lokali l-Imsida qed iwassal rapport dettaljat għal ħidma ta' matul is-sena 2023. Qatt ma hu possibbli twassal il-volum ta' attività li ta' kuljum tkun għaddejja matul is-sena inkluż dawk l-attivitajiet fuq livell reġjonali li ma ’humiex fl-iskop ta’ dan ir-rapport.




Għalhekk jekk ir-resident ikun jixtieq aktar informazzjoni fid-dettal għandu jsib il-minuti ta’ kull seduta tal-Kunsill Lokali L-Imsida flimkien ma’ pubblikazzjonijiet oħra li huma disponibbli għal pubbliku fuq is-sit tad-dipartiment għal Gvern Lokali,hawn provdut https://msidalc.gov.mt/ u jidħol fil-menù https://msidalc.gov.mt/pubblikazzjonijiet/ .

Dan ir-rapport għandu jitniehed bħala kontinwazzjoni ta‘ rapporti oħra tas-snin preċedenti flimkien ma' pjan ta' ħidma msemmi aktar qabel li ġie preżentat fl-aħħar ta ‘Settembru 2019 b’81 proposta maqsuma f’13 il-kategorija kif muri li ġew imwettqa jew imġedda jew żdiedu b’oħrajn ġodda. Inkluż ma’ dan ir-rapport hemm anness Appendiċi li jagħti sommarju b’ deskrizzjoni jew isem ta’ miżuri jew proġetti b’dettal dwar

x'sar matul dan il-perjodu msemmi li ġew konklużi jew qegħdin f'xi stadju ta' implimentazzjoni.

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati, lill-ħaddiema u l-volontarji tal-kunsill, tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tagħhom. Għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat fil-kollettiv mis-Sindku, l-kunsilliera mal-amministrazzjoni, seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Appendiċi : Pjan ta' Ħidma Ġunju 2019-Mejju 2024

Kategorija

A. Ambjent Nadif u Ħadrani.
B. Anzjanità (Ċentri Edukattivi, Day Centres,Night Centres,Nightshelters)
C. Infrastruttura (Toroq/ Bike Lanes,Traffic Management, etc)
D. Infrastruttura (Bankini Aċċessibbli)
E. Kultura Ħajja B' Attivitajiet Li Jinvolvu Lis- Soċjeta Kollha (Folklor ,Snajja, Festi,etc)
F. Novita (Investiment Fi Proġetti Ġodda)
G. Parks, Playing Fields, Outdoor Gyms, Open Libraries
H. Sigurtà (Security Cameras, Community Police, Gwardjani Lokali)
I. Spazji Miftuħa, Żoni Pedonali, u Aċċessibilità Għal Kulħadd
J. Sport Għal Kull Età Inklużi Persuni Bi Bżonnijiet Speċjali
K. Trasport Aktar Nadif U Effiċjenti
L. Wirt Kulturali, Restawr Ta' Binjiet, Siti, Niċeċ etc
M. Oħrajn

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett *(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)* u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| A | 1 : Aktar faċilitajiet biex jitqassmu WasteServ bins :- 2020 : Baqgħu jitqassmu sakemm WasteServ bdew jibbukkja biex jinġabru mit-trakk > Konkluża 2020 |
| A | 2 : Tabelli li jinkludu tagħrif fuq l- iskeda u messaġġ dwar l-iskart go kull triq. :- 2021: Sa l-aħħar tas-sena weħlu aktar minn 125 tabella minn ordni ta'200 f'finanzjati minn fondi tal-LESA. / 2021: Twaħħlu il-kumplament > Konkluża 2021 |
| A | 2a : Jinbidlu Tabelli li jinkludu tagħrif fuq l-iskeda Nazzjonali ġdida b' messaġġ dwar l-iskart go kull triq. :- 2023: Sar stampar b'iskeda ġdida biex ġiet wżata ma' tabelli ġa kien hemm f'toroq flok Jinbidlu. > Konkluża 2023 |
| A | 3 : kampanja edukattiva dwar l-iskart u fuljetti ġodda :- 2020 sa 2022 Saru bosta posts fuq il-medja soċjali dwar l-iskeda u materjal ieħor mniedi minn Wasteserv bħal gwida għas-separazzjoni aħjar ta' iskart,.ma dawn tqassmu wkoll fuljetti u fejn kien hemm bżonn ittri ta' twissija dwar abbużi. > Konkluża 2022 |
| A | 3.b : kampanja edukattiva dwar l-iskeda ġdida ta' ġbir tal-iskart fuq bażi Reġjonali li se tkun introdotta matul is-sena 2023 :- 2023: Tqassam fuljett f'kull residenza u saret kampanja edukattiva fuq il-medja soċjali tar-Regjun Ivant. Fejn kien osservat li qed ssir abbuż, tqassmu ukoll diversi ittri b'lingwa differenti go blokki residenzjali jew toroq filwaqt li ġew mgħoddija wkoll diversi rapporti għal attenzjoni tal- ERA u LESA . > Konkluża 2023 |
| A | 4 : tiżdied l-iskeda tal-knis b aktar ġranet :- 2020: Pospost sakemm ssir sejħa għal kuntratt ġdid./ 2021: Preparazzjoni u sejħa għal tender ġdid għal knis u tindif ta' toroq./ 2022: Saret sejħa għas-servizz b'offerta - Numru ta' referenza: KLMsd/TDR/01/2022 fejn l-iskop ta' dan il-kuntratt huwa li jipprovdi minimu ta' ħames Kenniesa biex jingħata servizz aħjar lir-residenti fi ħdan il-konfini tal-Kunsill Lokali L-Imsida b'livelli ta' standard għoli u konsistenti ta' tlett darbiet fil-ġimgħa għal knis ta' kull triq inkluż tindif jew ħasil manwali jew l-użu ta' browsers tal-ilma fejn meħtieġ u t-tindif ta' culverts ta' ilma |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| | tax-xita inkluż l-użu ta' browsers biex jifthu sadd fejn meħtieġ. Ma' dawn ġie inkluż il-ġbir minn kontenituri ta' skart pubbliku jew tal-klieb minħabba li dan kien ġie eskluż mis-sejħa Reġjonali għal ġbir ta' skart domestiku. / 2023: F' Marzu jingħata bidu għal kuntratt il-ġdid fejn mal-ewwel ġie osservat li kien hemm titjieb f'servizzi offruti tant li mal-ewwel ġiet nnotata it-tnaqqis sostanzjali li kien hemm fin-numru tal-ilmenti relatati meta mqabbla ma 'dawk reġistrati f' snin preċedenti. > Konkluża 2023 , ara wkoll proposta 4b |
| A | 4b : Tkompli l-implimentazzjoni tal-iskeda bil-kuntratt tal-knis, ħasil fit-toroq, tindif ta' Kulverts u tbattil tal-bins pubbliċi :- 2024: > minn -sena għal oħra |
| A | 5 : Jiġi kunsidrat u jibda ssir ħasil fit-toroq kull numru ta' ġimgħat jew xhur. :- 2020 sa 2023: Pospost sakemm ssir sejħa għal kuntratt ġdid. (m'għaqda ma proposta 4) > Konkluża 2023 , ara wkoll proposta 4b |
| A | 6 : Laqgħat mas-sidien ta' stabbilimenti go diversi zoni kummerċjali b skop ta' organizzazzjoni tal-ambjent madwarhom :- 2020 sa 2021: Pospost minħabba Covid 19 /2022: Posposta / 2023: Saru numru ta' Laqgħat ma' sidien t'attività kummerċjali go zona fejn hemm numru ta' stabbilimenti oħra go Triq L-imħallef Paolo Debono, Esperanto u Mons Carmelo Zammit bil-ħsieb li jħajjar u tkun iffurmata assoċjazzjoni ta' sidien bi skop ta' organizzazzjoni tal-ambjent madwarhom. > Jitkompla l-proċess |
| A | 8 : Fejn hemm bżonn jinbidlu u jiżdiedu l-bins :- 2020: ġew mibdula jew weħlu 25 bin./ 2021:ġew mibdula jew weħlu 10 il- bin u 13 liners / 2022: ġew mibdula jew 8 u żdiedu 4 bins u 13 liner. Il-Bins ta' skart imħallat li kien hemm fuq il- promenade inbidlu wkoll ma'oħrajn ta'skart separat / 2023: ġew mibdula jew żdiedu 8 bins u 10 liners. Ġie osservat li l-bins ta' skart separat li saru fuq il- promenade mhux addattati minħabba l-volum ta skart li jkun hemm għalhekk se jinbidlu ma 14 il-bin ġdid għal skart mħallat li ġa nxtraw iżda li se jsiru meta jkun lest ix-xogħol go Triq Xatt ta 'Xbiex. > mġedded min-sena għal oħra |
| A | 9 : Fejn hemm bżonn jinbidlu u jiżdiedu id-dog bins :- 2020 : ġew ordnati 30 dog bin ġdid biex jeħlu go postijiet ġodda jew jinbidlu dawk li ma kienux fi stat tajjeb / 2021 ġew mibdula jew weħlu 6 bins u 3 liners / 2022:ġew mibdula jew weħlu 3 bins u 9 liners / 2023: ġew mibdula jew weħlu 10 dog bin. > Jitkompla l-proċess |
| A | 10 : Bins fil- ġonna li jistgħu jiġu wżati anke għar-reklamar inkluż dawk diġitali u jaħdmu bid-dawl :- 2020: Intalbu x stimi approssimattivi biex il-kunsill jkun jista' jfassal pjan skond l-spiża. / 2021:Saret applikazzjoni konġunta mal-Kunsill Lokali Ta 'Xbiex biex go L-Imsida jiġu installati 2 solar compactor recycle waste bins./ 2022 sa 2023: L-applikazzjoni konġunta ma' ġietx approvata. Saret ukoll applikazzjoni konġunta għal fondi biex jinxtraw smart bins bejn 12 il-kunsilli f' ħdan ir-Regjun lvant minn skema li tħabbret mill- Malta Digital Innovation Authority (MDIA) għal proġetti innovattiva fi ħdan il-komunitajiet. Din ukoll ma' ġietx milqugħa. > Posposta indefinita |
| K | 11 sa 11b : Jiġi introdott trasport għall-komunità bejn is-Swatar u l-Imsida:- 2020 sa 2021: Pospost minħabba Covid 19 / 2022:Il-Kunsill Lokali applika għal skema maħruġa minn Transport Malta b' proposta ta' trasport sostenibbli permezz ta' shuttle van elettriku b'rotta fissa go toroq fil-Lokalità tal-Imsida biss li ġiet approvata u maħsuba li tintroduċi dan is-servizz matul is-sena 2023. / Saret sejħa ghal tender u nxtara Van tal-elettriku filwaqt li fis-27 ta' Novembru ġie introdott is-servizz tal e-Imsida shuttle deskritt li qed jopera bi prova sakemm jkun determinat skeda ideali għal vjaġġi f'rotta li hija ta' ftit aktar minn 12 k.m > Konkluża 2023 |
| B | 12 : Jiġi introdott servizz ieħor ta' Trasport lokali għal anzjani:- 2020 sa 2022: Kien hemm parteċipazzjoni bejn il-kunsill u Silver team fejn qed jiġi offrut dan is-servizz./ 2023: Proposta ġiet m'għaqda ma 11 li servi li skop filwaqt li Is-Servizz ta'Silver team xorta se jibqa' mplimentat għal fejn qed jiġi offrut. > Proposta ġiet mgħaqda ma' 11b li servi l- istess skop |
| M | 13 : Jinstab maħżen / work shop għal- xogħol tal-kunsill. :- 2020:/ pospost / 2021 sa 2023: Saret applikazzjoni għal kiri ta' garaxx ġol-binja pubblika li qed tinbena go Triq Garcin biex jintuża bħala mħażen iżda din ma ġietx magħżula l-kunsill se jkompli jfittex post addattat > Jitkompla l-proċess |
| F | 14 : Tikber il-binja tal-kunsill għall-bżonnijiet tal-lum bil-ħsieb ta' servizzi ġodda li għad jiġu introdotti :- 2020: Il-pjanti ġew approvati mill- PA u qed bdew jinġabru stimi indikattiv biex il-kunsill jalloka il-fondi għal proġett./ 2021: Saret konsultazzjoni mal-PA biex jkun aċċertat li dan il-proġett jikkwalifika biex jiġi ffinanzjat mid-development fund . Sar ukoll ix-xogħol preliminari fuq il- BOQ u preparazzjoni għas-sejħa ta' tender / 2022 kompla jssir ix-xogħol fuq il BOQ li kellu bżonn jiġi rivedut minħabba li għollew bosta materjal u fl- istess ħin qed ikun preparat id-draft finali għas-sejħa ta' tender . Fl-istess ħin il-kunsill għarraf uffiċjalment lill PA biex ssir ring fencing ta' development fund biex jintużaw għal dan l- |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| | iskop / 2023: Id-dokument draft tat-tender kien lest u ġie mgħoddi għal -vetting mid-dipartiment sabiex tinħareġ is-sejħa. > Jitkompla l-proċess |
| M | 15 : intejbu u nżidu sistemi għas-sigurtà ta' nies li jagħmlu użu mill- binja tal- kunsill. :- Ġiet installata sistema ta' Fire Alarm. > Konkluża 2020 |
| B | 16.a..2 : Assessment ta' toroq u programm ta' manutenzjoni tal-bankini ,bollards, tabelli u oħrajn :- > proposta mġedda minn sena għal oħra Ara wkoll proposti 17 u 16.a.1 sa 16.b.23 |
| B | 16.1 sa 16.9 :Rikostruzzjoni ta' toroq minn Infrastructure Malta. :- 2021 sa 2023 : Triq Nazju Falzon, Triq it-Torri (isfel) Triq il-Kuncizzjoni (ħdejn il-ġibjun), Triq Santa Venera , Triq tal-Qroqq, Triq L Zahmenhoff , Triq Bieb it-Torri filwaqt li matul is-sena 2023 kien hemm bosta ilmenti dwar parti minn Triq Misrah il-Barrieri (Kul de sac) mir-residenti minħabba li kienet għada mhux żviluppata għalhekk minn Lulju il-kunsill kien qed jagħmel komunikazzjoni ma' I.M b'talba sabiex ssir il-kostruzzjoni tagħha. F' Diċembru ġie konfermat li IM qed tipprepara biex jibda x-xogħol relatat. Ma dawn sar xogħol infrastrutturali ieħor biex tinbidel is-sistema antika għas- servizzi għal-WSC, għalhekk, b'konsultazjzoni mal-kunsill lokali għal permessi relatati u bi ftehim ma' I.M saret rikostruzzjoni ta 'Triq L-irmiġġ u Triq L-Clarence. Fuq talba tal-IM f'Diċembru 2022 ġew preżentati 12 il-triq urbana li jinkludu Triq Upper Rue Dargens, Triq San Lwigi, Triq C De Brocktorff, Triq E.H. Furse, Triq l-isqof Caruana' Triq H. Calleja Schembri parti minn Triq Achille Ferris, Triq Mons Dandria, Triq il-Knisja, Triq Makna tas-Serrar, Triq it-Tabib Naudi, Triq Antonio Sciortino, Triq Misraħ il- Barrieri u Triq J. Borg. li bejniethom jagħmlu 21,510 metru kwadru biex ikunu inklużi fil-pjan ta' hidma mfassal bil-ħsieb li dawn jiġu implimentati minn IM bejn is-sena 2023-2025. Aktar minn hekk sa mill- 2019, kienet għadejja konsultazzjoni mal-iżviluppatur relatata ma' permess tal-PA għal proġett ta' zvilupp ta' blokka residenzjali privata go parti minn Triq l- Irmiġġ u Triq il- Karozzin fejn il-Kunsill Lokali ppreżenta il-proposti tiegħu waqt il-proċess tal-applikazzjoni . Dan kien jinvolvi xogħol ta kostruzzjoni ta' pjazzetta u triq ġdida li tinfed għal triq Dun Andre k/m Triq il- Wied. > jitkompla l-proċess |
| C | 16.a.1 sa 16.b.23 : Assessment ta' toroq u programm ta' manutenzjoni tal-bankini, bollards, tabelli u oħrajn :- 2020 sa 2023 : Saru bosta spezzjonijiet u ordnijiet għal xogħol ta' manutenzjoni li jinkludi patching ta' tarmak, kisi ta' bankini u sinjali fit-toroq, ma dawn kien hemm ukoll bosta installazzjoni ġodda jew tiswijiet ta' road humps jew tabelli għat-traffiku Ara wkoll proposti oħra relatati. Matul is-sena 2020: sar xi xogħol fejn il- Junior College u toroq tal-madwar. / 2022: Sar bosta xogħol ta' manutenzjoni fosthom kisi ta' bankina go Triq il-Balliju ta' Guttenberg, Guze Ellul Mercer, Antonio Bosio u Triq il-Knisja. / 2023: Sar xogħol ta' manutenzjoni fuq l-uċuħ tal-bankini jew bdil ta' kurduni fejn hemm bżonn kif muri hawn - Triq Antonio Bosio 522.11 sq meter, Triq Antonio Sciortino 522.11 sq meter, Triq Giaocchino Navarro 226.22 sq meter ,Triq il-Knisja 726.14 sq meter ,Triq il-Makna tas-Serrar 500.25 sq meter, Triq il-Makna tas-Serrar (Part 2) 299.65 sq meter, Triq il-Parrocca 174.84 sq meter, Triq il-Principessa Margerita 1054.89 sq meter, Triq il-Principessa Margerita (Zebgha kurduna) 325.4 sq meter, Triq Indri Grima Swatar 265.95 sq meter, Triq it-Tabib Robert Naudi 354.55 sq meter, Triq it-Tabib Robert Naudi (Part 2) 193.8 sq meter, triq it-Tajjar 130.2 sq meter, Triq Johnny Catania 173.44 sq meter, Triq l-Isqof F S Caruana 249.9 sq meter, Triq Mons A.Bonnici Swatar 95.79 sq meter, Triq Monsinjur Dandria 522.45 sq meter, Triq Monsinjur Falzon 147.16 sq meter, Triq Sant Antnin 356.16 sq meter. Kien hemm ukoll Alterazzjoni fil-bankina go Triq il-kunċizzjoni (ħdejn il-kunsill) biex ikun hemm parkeġġ ieħor għal e-Imsida shuttle 78 sq meter / 2024: Alterazzjoni fil-bankina ħdejn iz-zuntier sabiex ma jkunx hemm ostaklu abbużiv għal passaġġ b'rampa ta' dizabli.10 sq meter > Konkluża 2020 u 2023 |
| B | 17 : Fejn hemm bżonn jiżdiedu miżuri għal aktar sigurtà fit-toroq :- 2020: Saru 3 road humps li huma regolati u jeħtiegu approvazzjoni minn TM u ordnati 59 flexi bollards / 2021: Saru 2 road humps go Triq L-Zahmenhof / 2022:Saret tiswija fuq diversi Road humps u saru oħrajn ġodda go Wesgħet il-Kunsill Lokali Msida u Triq San Andrija Swatar / 2023 Saret tiswija fuq diversi Road humps u saru oħrajn ġodda go Triq Dun Andre (2), Triq Misraħ il- Barrieri(1), Triq Ġwann Mamo(2) > Jitkompla l-proċess Ara wkoll proposti 16.a.1 sa 16.b.23 |
| C | 18 sa 18.2: Rampi tal- bankini u fejn possibbli il-bankini ikunu aċċessibbli. :- 2020: Ġie evalwat il-kuntratt biex jibda xogħol matul 2021 mill- kuntrattur / 2021: Nġabru l- istimi u beda xogħol biex ssir manutenzjoni tal-bankini fi Triq Esperanto / 2022: Waqt l-implimentazzjoni ta' proġett Slow Street go Triq G.Calleja Swatar ġiet osservata il-kundizzjoni tal-bankina li ma' kienetx aċċessibbli minħabba livelli |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| | ħżiena ta' bosta daħliet għal basement garax li kien hemm għalhekk kien deċiż li din ssir konformi u beda xogħol ta' manutenzjoni u fejn kien hemm bżonn ta' rikostruzzjoni fil-bankina. Ara ukoll proposta 49. / 2022 sa 2024: il-kunsilli lokali ppreżenta proposta għal tisbiħ go' roundabout ta' Ċirku tal-Imsida permezz ta' skema għal fondi .:SPI/SCI/9/2022 Din ġiet approvata u matul is-sena 2023 fejn sar xogħol bi preparazzjoni bħal permessi neċessarji minn Transport Malta sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol inkluż xi emendi fil-pjanti kif ssuġġerita mill-awtorità. Ix-xogħol mistenni jibda matul is-sena 2024. > Jitkompla l-proċess |
| C | 18.4 : Ħsarat fil-kulverts go Triq ix-xatt Ta' Xbiex. :- 2022: Il-kunsill lokali għamel laqgħat ma' bosta entitajiet fosthom il- WSC, GHRC, Infrastructure Malta u l-MTIP dwar il- lkulverts. Dawn kienu fi stat ta' ħsara estensiva bil-bżonn ta' rikostruzzjoni fejn Il-kunsill kien ikkunsidra l-aħjar soluzzjonijiet biex issolvi il-problema / 2023: Wara bosta laqgħat mal-entitajiet indikati l-MTIP sabet il-fondi sabiex ssir ix-xogħol msemmi. Waqt li kien għaddej ix-xogħol il-kuntrattur inkarigat ġie mwaqqaf minn TM minħabba nuqqasijiet li kien hemm li wasal għal rikors fil-qorti li tawwal iż-żmien sakemm tlesta il-proċess legali. F'Novembru L-l.M setgħet tieħu l-inkarigu biex twassal dan ix-xogħol għal konklużjoni f'Jannar 2024 > konkluża 2024 |
| C | 19 : Programm biex jsiru il-marki ta' toroq darbtejn fis-sena, kunsiderazzjoni biex ssir sejħa għal-tender biex dan ikun jista' ssir :- 2020 sa 2023: Sar xogħol mill-ħaddiema tal-kunsill fejn ikun meħtieġ. Sar ukoll wkoll xogħol fuq talbiet validi mir-residenti . > mġedded minn sena għal oħra |
| M | 20 sa 20.1 : Programm ta' manutenzjoni għal- funtani , monument u siti oħra li jistgħu jsiru minn skemi :- 2020: Beda ix-xogħol fil-monument tal-ħaddiema / 2021:Beda ix-xogħol fuq il-funtana go Rue'D Argen / 2022:Saret applikazzjoni għal Skema SPI/SCI/5/2022 li tagħti finanzjament relatat ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il funtana go pjazza Victor Denaro / 2023: Sar ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq il funtana go pjazza Victor Denaro li kien konkluż f'Ottubru > Konkluża bejn 2021 u 2023 |
| L | 21 : Ftehim għal-numru ta' snin sabiex nirranġaw il-funtani kollha u ssir manutenzjoni regolari fuqhom. :- 2020: Sar ftehim għal nofs il-fondi u riżorsi umani mal-GWU sabiex jinbidel id -dawl mal-monument tal-ħaddiema / 2021: Dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi ħa ħsieb jipprepara draft għal MOU biex jkun iffirmat. /2022:Beda ix-xogħol biex ssir manutenzjoni fis-sistema tal-funtani li hemm ġol monument filwaqt li baqgħu għaddejjin ukoll diskussjonijiet biex issir restawr tal-monument Ara proposta 85.2 / 2023 ix-xogħol kien wieqaf u l-kunsill għamel pressjoni sabiex dan jitkompla fl-iqsar żmien possibbli. > jitkompla -proċess |
| C | 22 : Introduzzjoni ta' Funtani ta' taħt l-art fejn jistgħu jsiru. :- 2020:Pospost sakemm ikun implimentati xogħlijiet relatati mal-proġett għal ġnien Misraħ 5 ta 'Ottubru fil-proġett tal-Fly over / 2023: Il-proposta ġiet mgħoddija għand L-IM sabiex tkun implimentata gol-ispazju pubbliku li ġie preżentat mal-pjan tal-proġett - Msida Creek. Ara wkoll proposta 24 > Jitkompla l-proċess |
| M | 23 : Xogħol ta' tisbiħ li l-kunsill jista' jikseb permezz ta' xogħol minn ħaddiema t'entitajiet oħra :- 2020 sa 2023: Sar xogħol go Misraħ San Guzepp, Misraħ 5 ta' Ottubru fejn issewwiet ukoll il-gazebo u manutenzjoni tal-arbli tad- Dawl fuq iz-zuntier tal-knisja minn ħaddiema tal FTZD > mġedda minn sena għal oħra |
| M | 24 : Naraw ukoll li jitwettaq il - proġett tal-fly over u Il-latrina pubblika tiġi mmodernizzata. :- 2020 sa 2021: L-ewwel proposti kienu fl- istadju ta' proċess mill-PA u l-IM ġa ħarġet sejħa ta' tenders li wara ġiet kanċellata./ 2021 Waqt li l-IM kienet qed tistenna deċiżjoni mill- PA, il-kunsill oġġezzjona għal pedestrian bridges u qed jipproponi / jitlob alternattiva għal dawn filwaqt li l-proposta tal- latrina ġiet trasferita għal proposta 83 /2022: Ġie preżentat għal konsultazzjoni fil-proġett ġdid għal Msida Creek bi proposti ta 'aktar spazju miftuħ għal użu pubbliku. Saru ukoll laqgħat bejn il-kunsill lokali u l-għaqdiet tal-lokal biex jiġu diskussi il-ħtiġijiet tagħhom u għal inklużjoni fil-proposti li qed se jkunu preżentati lil IM / 2023:kompliet il-konsultazzjoni dwar il-proġett kif propost b'aktar spazju miftuħ għal użu pubbliku. Saret ukoll laqgħa nformattiva għar- resident u l-għaqdiet tal-lokal biex IIM tagħraf u tiddiskuti l-ħtiġijiet tagħhom. Il-kunsill kien wkoll preżenti waqt il-proċess tal-applikazzjoni filwaqt li se jkompli jaħdem biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli waqt il-fażi t'implimentazzjoni tal-proġett. Waqt il-konsultazzjoni kien ġie diskuss ukoll il-possibilità li jkun hemm uffiċjal responsabbli għal immaniġġjar tal-interessi tal-komunità relatati mal-proġett sakemm ikun konkluż. Għalhekk f'Jannar 2024 gie preżentat draft ta' tender għas- servizz li meta jiġi fis-seħħ se jkun finanzjat minn Infrastructure Malta u amministrat mill- Kunsill Lokali > Jitkompla l-proċess |

| Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett *(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)* u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu. | |
|---|---|
| C | 25 : Aktar konsultazzjoni u naraw li ssir ix- xogħol tal- promenade go Xatt Ta' Xbiex. :- 2020: l-applikazzjoni u l-pjanti kienu fl-istadju ta' proċess mill-PA u l-GHRC kienet qed tfassal is-sejħa tat-tenders / 2021: inghata bidu għax-xogħol ta' kostruzzjoni /2022:.Jkompli x-xogħol tal-GHRC fuq il-promenade li kien wasal fil-fażi finali u konkluż f'l-ewwel ġimgħat ta' 2023 > Konkluża |
| M | 26 : Embelisment ta' Ġnien Victor Denaro :- 2020 sa 2021: il-pjan kien pospost sakemm jkun avvanzat il-proġett tal-bini mil-ġdid tal-iskola./ 2022:Il-Kunsill Lokali ppreżenta applikazzjoni għal fondi minn skema proġetti sostenibbli imnedija mill- ministeru għal ambjent bi proposta ta' embellisment ta' Pjazza Victor Denaro li għada qed tkun kunsidrata /2023: L-applikazzjoni għal fondi minn skema proġetti sostenibbli imnedija mill -ministeru għal ambjent bi proposta ta' embellisment ta' Pjazza Victor Denaro ġiet approvata minn Project Green u fil-mument għaddej il-proċess ta' preparazzjoni biex toħroġ is-sejħa għal tender > Jitkompla l-proċess |
| M | 27 : Embelisment fi Triq Dun Kalcidon Schembri :- 2020: Ġie ffirmat ftehim biex għaqda li tieħu ħsieb proġetti b'materjal riċiklat u dan se twettaq fil-bidu tas-sena 2021 > Konkluża 2021 |
| M | 28 : Issir xogħol go Sqaq Clarence :- 2020: Saret Konsultazzjoni dwar x' jista' ssir / 2021 sa 2022: ntalbet il-BOQ biex il-kuntrattur tal-kunsill jirranga l-art bil-konkos b'hekk il kunsill jkun jista' jikkunsidra dak li għandu jsir jew kif jista' iġib il-fondi meħtieġa biex il-proġett jiġi mplimentat /2023: Sar magħruf li hemm applikazzjoni għal żvilupp tal-bini fil- bidu tal-isqaq B'hekk l-kunsill Lokali għandu qed jikkunsidra jekk hux opportun li japplika għal fondi u jagħti bidu t'implementazzjoni tal-proġett > Jitkompla l-proċess |
| G | 29 sa 29.2.b : Aktar aċċess fil-bandli u il-ġonna għal- nies b bżonnijiet speċjali :- 2020: Għaddejjin diskussjonijiet fuq il-bandli tal-Imsida u Swatar qabel ma jsiru is-sejħiet għal tenders finali./ 2021 Għalkemm ma kienx ċar se jiġri bil-proġett Msida Creek u meta dan se jkun mplimentat il-kunsill Lokali ħass il-ħtieġa li jieħu miżura temporanja fejn biddel l-struttura il-kbira u oħrajn żgħar għax kienu f'istat ħażin u ta' periklu inkluża żurżieqa u seesaw ġodda. Saret ukoll applikazzjoni għal fondi minn skema SPI/SCI/2/2021 biex ssir xogħol ta' titjieb fl-strutturi, id-dawl u għal aktar sigurtà permezz ta' sistema ġdida għas-CCTV. > konkluża bejn 2021 u 2022 |
| C | 30 : Tisbiħ ta' zona madwar fejn ġejja il-fly over b'aktar faċilitajiet. :- 2020: bdew diskussjonijiet fuq il-pjanti finali./ 2021:Temporanjament sospiżi / 2022 sa 2024: bdew diskussjonijiet u konsultazzjoni aktar mifruxa ma' bosta għaqdiet u residenti u l- I.M. Il-kunsill se jkun qed jiżgura li jkun hemm aktar konsultazzjoni fejn meħtieġ waqt l-implimentazzjoni tal-proġett [Ara ukoll proposta 24] . > Jitkompla l-proċess |
| A | 31 : Proġett li jmur mal-afforestazzjoni tas-Swatar :- 2020: Saru diskussjonijiet ma' l-MCESD u ġew preżentati il-pjanti fejn nittallbu stimi approssimattivi għal proġett / 2021:Il-Kunsill applika u il-PA approvat l-ewwel fażi fejn l-MCESD qablet li tieħu ħsieb tirranġa il-ħitan ta' sejjieħ. Il-kunsill beda jieħu ħsieb il-proċess biex japplika wkoll għat tieni fażi li tinkludi passaġġ aktar aċċessibbli għażż-zona u se biex jsiru wkoll xi bankijiet /2022 sa 2023: Beda ix-xogħol fejn l-MCESD qed tieħu rranġat il-ħitan ta' sejjieħ. > Konkluża 2023 |
| F | 31.a : Jinstabu fondi biex issir taraġ li jagħmel possibbli li ssir konnessjoni bejn Triq il-Wied tal-Imsida għal wied tas-Swatar taħt Triq Indrì Grima :- 2023: Bi-skop li jinstabu fondi saru laqgħat mal-ministeru għal ambjent u Project Green dwar il-proposti għal aċċess li jagħmel possibbli li ssir konnessjoni bejn Triq il-Wied tal-Imsida għal wied tas-Swatar taħt Triq Indrì Grima > Jitkompla l-proċess |
| M | 32 : Jiżdied id-dawl fil pjazza u ħdejn il-Junior College :- 2020: Saret applikazzjoni u weħlu żewġt lanterni ġodda bejn Triq J. Borg u Oscar Zammit.Ġew allokati wkoll fondi u saru fanali ġodda go Misraħ G Debono inkluż is-sistema ġdida għas-servizz ta' dawl. Ghal dan intużaw parti minn fondi ta' skema mir-Regjun Ċentru /2021: Inbidlu il-fanali go Misrah San Guzepp u saru fanali ġodda go Triq il-kunċizzjoni u Dun Kalcidon Schembri. / 2023 Ġiet verifikata il-possibilità li l-kunsill jibbenefika minn skema tal MTIP sabiex jiġu installati fanali (solar) għalhekk kif mitlub il-perit tal-kunsill qed jipprepara survej għat- taraġ go Triq il-Wied tal-Imsida fil konfini ma' B'kara u li jwassal ghall konfini ma' Santa Venera , goc- Ċirku tal-Imsida biex jikkumplimenta proġett ta' tisbieh li mistenni li jibda jiġi mplimentat fil-bidu 2024 [ara wkoll 18.3] u traffic island go Swatar li tinsab bejn Triq tas-Swatar u l-Balliju Guttenberg faċċata tal- Bring in site. > jitkompla il-proċess |
| K | 34 : Bike stands madwar il-lokal. :- 2020 sa 2021 Ġew identifikati xi postijiet fejn dawn jistgħu ssiru fejn intalbet stima biex dawn issiru / 2022 Ġiet żviluppata arja żgħira ħdejn il-Bandli tas- Swatar li kienet addatta għal bike stands u li ma' tkunx qed tagħmel ostakolu fuq il-bankina. > proposta mġedda min sena għal oħra |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| M | 35 : Ingaġġ ta' Contracts manager. :- 2019: Beda F'Diċembru / 2023: kif kien qed joqrob biex jiskadi il-kuntratt, ħarġet sejħa għal tender biex issir kuntratt ġdid. > jitkompla l-proċess |
| C | 36 : Naraw mal- WSC sabiex jitlesta ix xogħol ta' drenaġġ fi Triq il-Wied u Xatt ta' Xbiex. :- 2020: Beda il-proġett / 2021 sa 2023: il-proġett waqa lura u kien għadu mhux lest minħabba ġie mwaqqaf il-kuntrattur. Kif jitolbu il-proċeduri relatati ħarġet sejħa ġdida għal tender mill-WSC u reġa' beda ix-xogħol fuq dan il-proġett li ġie konkluż apparti l-asfaltar minħabba li jrid ssir xogħol ta' proġett differenti għal - kulverts [Ara wkoll 18.4]. li twaqqaf minħabba bosta nuqqasijiet li waslu għal rikors fil Qorti li nqatta kontra il-kuntrattur. B'hekk sar intervent minn Infrastructure Malta li ħadet ix-xogħol . > konkluż 2024 |
| M | 37 : Jiġi ntrodott taħt skema governattiva programm ta' newtering u microchip għal- qtates. :- Minn fondi allokat tal- għal annimal welfare ntużaw parti għal 170 voucher biex ssir newtering u chip. > Konkluża 2020 |
| M | 38 : Jiġu identifikati numru ta' zoni fejn jistgħu jsiru dog parks :- Minn fondi allokati għal annimal welfare ntużaw parti għall dog park go Misraħ San Guzepp > Konkluża 2020 |
| M | 39 : Jiġu identifikati numru ta'zoni fejn jistgħu jsiru cat cafe :- Minn fondi allokat tal-annimal welfare ntużaw parti għall kennels go Triq Victor Denaro u Ta' Sisla (Swatar) > Konkluża 2020 |
| M | 43 : Servizz ta' leżjonijiet lit-tfal :- 2020 sa 2023: Posposta minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023: Sar MOU mal- Optimist Club of Malta li huwa organizzazzjoni volontarja li tifforma parti mill-Optimist International fejn qed isiru żewġt sessjonijiet fil-ġimgħa go l-uffiċju amministrattiv tal-kunsill > mġedded minn sena għal oħra |
| M | 43.1 : Proġett Ikber Magħna bil-għan li jgħin lit-tfal ta' bejn it-8 u l-10 snin fis-suġġetti tal-iskola tagħhom filwaqt li jkollhom ħin biex jissoċjalizzaw bejniethom, jaqraw u jilgħabu. :- 2022 sa 2023: Sar MOU biex isiru żewġt sessjonijiet fil ġimgħa go l-uffiċju amministrattiv tal-kunsill > mġedded minn sena għal oħra |
| E | 43.2 : Mosiacs workshop :- Matul is-sena 2022 beda wkoll Mosiacs workshop kull nhar ta ' Sibt li sal-ġurnata għadu għaddej > mġedded minn sena għal oħra [Ara ukoll proposta 18.1] |
| M | 44 sa 44.1b : Żjarat kulturali għar-residenti :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022: Bħala parti minn ġimgħa L-Imsida ġiet iddedikat ġurnata għat-tfal b'ħarġa għal- Esplora. Ġiet organizzata wkoll ħarġa kulturali għar-residenti f'bosta lokalitajiet bil-Hop on Hop off / 2023: Bħala parti minn ġimgħa Msida ġiet iddedikat ġurnata għat-tfal b'ħarġa għal- Aqua park mal-ġenitur > mġedda minn sena għal oħra |
| E | 45 : Parteċipazzjoni kulturali :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022 Saret l-ewwel purċissjoni tat- tfal b'sitt vari tal-Ġimgħa l-Kbira magħmula apposta. Saret ukoll il-purċissjoni tat- tfal b'San Guzepp./ 2023:Saret it-tieni purċissjoni tat- tfal b' 9 vari tal-Ġimgħa l-kbira magħmula apposta. Saret ukoll il-purċissjoni tat- tfal b'San Guzepp. [Ara ukoll proposta 49.x] > mġedded minn sena għal oħra. |
| M | 46 : Aktar parteċipazzjoni għall-inizjattivi ta' Long Life Learnining :- 2020 sa 2021 Kienet iffurmata klassi f'kull sena fejn bdew lezzjonijiet tal-Malti iżda waqfu minħabba l-Covid 19 jew nuqqas t'attendenza/ 2022 sa 2023: Minkejja l-sforzi biex il-kunsill japplika għal diversi Korsijiet bħal SPI.SCI.4.2022 - Life Long Learning 2022/2023, mhux qed ikun hemm konkorrenza mir-residenti > mġedda min-sena għal oħra |
| M | 47 : Introduzzjoni ta' apparat viżiv għal użu tal-librerija. :- 2020: Permezz ta' applikazzjoni fuq l-skema finanzjarja SPI.SCI.10.2019 għal Żvilupp ta' Libreriji Lokali nxtara apparat virtwali li jippermetti għal tagħrif viżiv 3D ta bosta suġġetti. > Konkluża 2020 |
| G | 48 : Faċilitajiet għal self jew użu ta kotba mal-lokal inkluż faċilitajiet ta'(Out door Library). :- 2020 sa 2023:Il-Kunsill ħa' ħsieb ix-xiri ta' bosta Kotba ġodda għal self jew użu fil-librerija lokali u servizzi ta' librar. Saret ukoll espressjoni t'interess għal skema b'dan l- Iskop u b'intenzjoni li jekk l-applikazzjoni tkun approvata jiffaċilita l-allokazzjoni billi jieħu ħsieb li jissupplixxu u jmantni l-strutturi allokati madwar il-lokal. > Jitkompla l-proċess |
| M | 49 : Sehem fl skemi li jistgħu jiġu introdotti miNn żmien għal- ieħor. :- Saru bosta applikazzjonijiet għal fondi miNn Skemi differenti hawn taħt deskritti. > mġedda minN sena għal oħra |
| M | 49.b : jinbidel il-ħġieġ ta' numru ta' fanali klassiċi go Triq kunċizzjoni :- 2020 sa 2021 Saret Applikazzjoni għal fondi min Skema ta' Regjun Ċentru. > Konkluża 2021 |
| M | 49.c : jinbidlu l-fanali go Misraħ San Guzepp. :- 2020sa 2021: ħarġet sejħa għal-tender u ntużaw parti minn fondi allokati taħt Skema tar- Regjun Ċentru > Konkluża 2021 |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| M | 49.d : Skema minn fondi mid-dipartiment għal ħarsien tal-annimali biex jiġu provduti u mqassma pro rata vouchers għal dry food u kura għal qtates lill feeders reġistrati biex jieħdu ħsieb il-cat cafes go L-Imsida Ara wkoll 37,38,39 u 49.p sa 49.p (i) :- 2020 sa 2021: Saret applikazzjoni għal fondi minn Skema LCI 2020 ekwivalenti għal 80% tal-ispiża totali li ġiet approvata u ffirmat il-kuntratt mal-annimal welfare > Konkluża 2021 |
| E | 49.e. : Minn skema għal attivitajiet soċji kulturali jinxtraw sett ta' vari matul perjodu ta' żmien biex tkun inkluża f'kalendarju lokali l-purċissjoni tat- tfal. :- 2020 sa 2021 :Saret applikazzjoni għal fondi tar-Regjun Ċentru minn skema biex jiġu ordnati il-figuri li ġa huma approvati u saret applikazzjoni oħra għal bradelli u bankuni / 2021: Saret l-ordni għal vari kienu lesti l-ewwel sett ta'3 vari u 6 bradelli / 2022:Saret l-ordni għat tieni sett ta' vari u matul is-sena 2023 kienu lest set ta 3 vari oħra / 2023: Saret l-ordni għal-aħħar vara mis-Set (Ġesù mejjet) li kienet lesta sal-aħħar tas-sena. > Konkluża 2023 |
| M | 49.f : 2020 sa 2021 Minn skema għajnuna minn fondi ta' Regjun Ċentru ,nxtraw mini packs b 'prodotti għal prekawzjoni Covid 19 lit-tfal tal-iskola primarja Msida. > Konkluża 2021 |
| M | 49.g : 2020-2022 : Min skema għal għajnuna min fondi tar-Regjun Ċentru nxtraw packs b'maskli għal prekawzjoni Covid 19. Dawn baqgħu jitqassmu mar- residenti sakemm waqfu ir-restrizzjonijiet > Konkluża 2022 |
| A | 49.h : Xiri ta' siġar u pjanti biex ssir aktar tħawwil go spazju u zoni oħra pubbliċi minn skema ta' fondi ta 'Ambjent Malta :- 2022: Saret applikazzjoni għal skema maħruġa mill-ministeru għat-turiżmu./ 2021: Ma kienx hemm risposta mill Ministeru għat-turiżmu baqgħet ma ġietx implimentata / 2022:Il-kunsill applika għal fondi minn skema ta' Ekoloġizzazzjoni urbana tal-kunsill Lokali 2022 biex ssir tisbiħ gor-roundabout tac- Ċirku tal-Imsida. Din il-proposta wkoll ma' ġietx approvata b'hekk ġiet mgħaqda ma' 18.3 > |
| A | 49.h.(i) : implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika go spazju u zoni oħra pubbliċi/urbani Ara ukoll proposta 18.3 :- 2022 : proposta mghaqda ma 18.3 > mgħaqda ma' 18.3 |
| C | 49.l : Użu aħjar minn spazju pubbliku :- 2020: Saret applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru biex ssir studju b'rapport ta 'rakkomandazzjonijiet minn periti esperti fil-qasam tat-trasport. Dawn qed jintużaw bħala bażi għal proposta biex il-kunsill Lokali jibbenefika minn Skema governattiva għal Triq G.Calleja Swatar Play Street. Ara wkoll proposta 18.2 > Konkluża 2022 |
| M | 49.m : jkun hemm ppublikat go mezzi tal-medja soċjali postijiet ta' interess li hemm fl-Imsida. :- 2020: Saret Applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru biex ssir immaġni 3D ta' gewwa il-knisja parrokkjali . > Konkluża 2020 |
| H | 49.n : Installazzjoni ta' CCTV go lokazjonijiet fejn hemm abbuż ta' rimi ta 'skart inkluża l- bring-in-sites (B.I.S) u l-operat tagħhom li jkopri il-kera ta' kull xahar għal meter għad dawl u l-modem ta' kull waħda mill-lokazjonijiet ta' CCTV's jew manutenzjoni tagħhom :- 2021 sa 2022: Saret applikazzjoni u l-installazzjoni ta' CCTV go numru ta' hotspots finanzjati mill- fondi LESA għall-proġett fil-komunità. Saru ukoll u kameras oħrajn parti finanzjati mill- Operatur tal- B.I.S li huma sorveljati mill-LESA. Dawn saru go Triq Victor Denaro k/m F.S Caruana, Triq Kunċizzjoni k/m it- Torri, Ċirku Msida, Triq il-Kunzar, Triq tal-Hriereb k/m Nazju Falzon , il-bring-in-site tas-Swatar, Triq Box Box, Triq Oscar Zammit k/m Misraħ il-Barrieri ,Triq il-Qawsalla u bring-in-site ta' Triq Victor Denaro. > Konkluża 2022 |
| M | 49.p sa 49.p (i) : Jiġi ntrodott taħt skema governattiva (dipartiment għal ħarsien tal-annimali) programm ta' tqassim ta'vouchers għal cat feeders :- 2021: Min fondi allokat f'2021 min skema għall annimal welfare tqassmu cat food vouchers kull xaghar ghall feeders Ara wkoll proposta 49.d / 2022-2023 : Minħabba li ma 'kienx hemm skema għal fondi governattivi il-kunsill lokali ħa 'inizjattiva billi alloka fondi min tieghu biex jkompli jgħin lill cat feeders b' programm għat-tqassim ta' vouchers > Konkluża 2023. |
| M | 49.r : Health & Safety (Defibilator) :- 2021: Saret applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar- Regjun Ċentru 2021 għal-l installazjoni ta' Defibilator fil-binja tal-kunsill li ġiet approvata u implimentata. > Konkluża 2021 |
| D | 49.u : Fondi Regjun Lvant PROĠETTI TA' TITJIEB FIL-LOKALITA':- 2022: Biex tarġa ssir il-bankina go Triq Esperanto Ara ukoll proposta 18.1 > Konkluża 2022 |
| M | 49.w : Jigu Imnedija ECDL online u qed isiru numru ta' sessjonijiet mill-Happy Parenting ġewwa il-kunsill. :- 2020 sa 2021:Imnedija ECDL online u għal ftit ġimgħat saru numru ta' sessjonijiet mill-Happy Parenting ġewwa il-kunsill li ġew posposta minħabba Covid 19. > Konkluża 2021 |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett *(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)* u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| F | 49.y : Fondi Regjun Lvant PROĠETTI TA' TITJIEB FIL-LOKALITA' :- 2023: Għal servizzi professjonali b'konnessjoni ma' applikazzjoni għal PA Development fund (Estensjoni tal-bini amministrattiv tal-kunsill) u Għal servizzi professjonali b'konnessjoni maL- applikazzjoni għal Proġett Green fund (pjazza Victor Denaro) Ara wkoll proposti 14u 26" > Konkluża 2023 |
| M | 49.j, k, s : skond kriterji u kondizzjonijiet biex jinxtraw bżonnijiet, jitqassmu fondi pro rata minn skema 2019 għal għajnuna lill - GĦAQDIET FIL-LOKALITA li japplikaw :- 2020- 2022: Saru 3 applikazzjonijiet biex jintużaw fondi allokati minn skemi tar-Regjun Ċentru jew Lvant fejn ibbenefikaw pro rata bosta għaqdiet lokali. Din l-għajnuna ngħatat lill għaqdiet wara li hareġ l-avviż biex japplikaw mal-kunsill Lokali li ikkunsidra l-ellegibilita għall-użu ta' fondi li kien hemm allokati. > Konkluża 2022 |
| E | 49.,t , x : Fondi Regjun Lvant PROĠETTI KULTURALI, SPORTS, MUŻIKA, JUM IL-LOKAL, BANED :- 2021-2023: kien hemm organizzati bosta attivitajiet bhal konferenzi relatata Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants jew BTIN, Saru ukoll Attivitajiet għal Ġimgħa il-Kbira u l-Għid, Festival kulturali (immigranti), Jum l-Imsida, Sajf fil-pjazza, Attivitajiet Sportivi > konkluza 2023 |
| M | 49.i , q , v , z: Disinn ġdid għal tiżjin tal-milied go Triq D'Argen :- 2020-2023: Saru 4 applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati min skema tar- Regjun Ċentru jew lvant li ġew approvata u implimentata. Għas-sena 2022 u 2023 kien hemm inkluż ukoll fairy lights mas-siġar go Misraħ San Guzepp > Konkluża 2023 |
| M | 50 : Aktar reklamar /Promozzjoni għal- inizjattivi ta' tagħlim għan- nies adulti jew bi bżonnijiet speċjali inkluż tfal. :- 2020 sa 2021:Posposta minħabba Covid 19 / 2022: Saret kollaborazzjoni bejn il-kunsill u l-FSWS għal kampanja Oħloq tbissima u saru diskussjonijiet dwar aktar koperazzjoni fosthom il problema ta' persuni li jorqdu barra > mġedda minn sena għal oħra |
| M | 54 : Kids Corner fil- kunsill. :- 2020 sa 2021:Posposta minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023:posposta > Jitkompla l-proċess |
| M | 55 : kotba tat-tpinġija għat- tfal b'tema ambjentali jew tal-lokali (Imsida) :- 2020 sa 2021:Posposta minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023:posposta > Jitkompla l-proċess |
| M | 55.a : informazzjoni dwar l-ismijiet tat-toroq go L-Imsida. :- 2021: Permezz ta' fondi tal-LESA. / 2021, Saret pubblikazzjoni tal-ktieb għal Għonq it-triq > Konkluża 2023 |
| M | 55.b : Kotba bil-Malti għat- tfal b edukazzjoni primarja. :- 2022 sa 2023 : Inxtraw kotba b'rakkont dwar Karamellu ta' Raħal għat- tfal tal-iskola primarja Santa Theresa Imsida > Konkluża 2024 |
| M | 56 sa 56a: jiġu mġedda jew mibdula il-bye laws eżistenti biex jirriflettu il-bżonn tal-lum u introdotti oħrajn fosthom fuq użu ta' alkoħol fit-toroq tal-Lokalità. :- 2020 : Il-Bye Law għal projbizzjoni ta' xorb Alkoħoliku fit-toroq tal-Imsida ġiet pubblikata. Beda xogħol fuq reviżjoni tal-Bye Law għall-Iskall / 2021: Il-kunsill iddiskuta reviżjoni tal-Bye Law għall-Iskall li kien jinsab f'istadju t'emendi legali qabel il-fażi ta' konsultazzjoni./ 2022:Il-kunsill iddiskuta emendi biex ikun definit li l-arja wżata mid-dgħajjes (l-Skall) li huwa devolut lill Kunsill Lokali għalhekk huwa l-amministratur legali. Saret ukoll laqgħa ta' konsultazzjoni mal-għaqda tad-dgħajjes u sajjieda Msida biex iwasslu il-proposti tagħhom għal kunsiderazzjoni tal-kunsill Lokali / 2023:Il-kunsill kompla jiddiskuti l-emendi u beda jimplimenta amministrazzjoni diretta f'rigward t'applikazzjoni u il-permess sabiex sidien ta' dgħajjes jagħmlu użu mill- iskall. Dan kien jinkludi formola t'applikazzjoni b'inklużjoni ta' termini u kundizzjonijiet definiti li applikant kif jiffirma ikun qed jaċċetta li huwa obbligat josserva. Hemm ukoll ħlas ta' garanzija li tintilef flimkien ma' penali amministrattivi f'każ ta' ksur tal-ftehim. Din il-formola se tkun parti mid-dokument tal-Bye-law relatata. > Jitkompla l-proċess |
| M | 57 : Fil-qafas ta'( SL.65.13 ), Jiġi studjat fuq livell Reġjonali jew lokali l-possibilità biex jiġi ntrodott servizz ta' towing għal- vetturi li jinsabu fit-toroq b'mod illegali :- 2020 sa 2023: Beda xogħol ta' konsultazzjoni preliminari filwaqt li Transport Malta għamlet xi emendi fuq ( SL.65.13 ), Saret ukoll konsultazzjoni legali biex il-kunsill jara x'opzjonijiet hemm u jiżgura li jkun konformi / Qed issiru ukoll rapporti lill TM dwar abbużi fejn ittieħdet azzjoni fuq bosta vetturi abbandunati / 2022 sa 2023 Posposta > Jitkompla l-proċess |
| E | 58 : Laqgħa annwali ta' konsultazzjoni m'għaqdiet bil-għan li ssir kalendarju annwali tal-attivitajiet tagħhom flimkien ma' dawk tal-kunsill :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023: posposta > mġedded min-sena għal oħra. |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| A | 59 : Clean up day u għoti ta-demm fil- kalendarju tal-komunità lokali :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022 : F'Settembru saret Cleanup The World Campaign 2022, fejn kien hemm numru sabiħ ta' parteċipanti li huma membri fi ħdan il-komunitajiet tal-Bangladesh u Filippini li flimkien ma' voluntiera oħra taw is-sehem tagħhom biex jitnaddaf is-sit tal-ġibjun go Triq il-Wied. Din kienet f'finanzjata minn skema ta' fondi SPI/SCI/7/2022. / 2023: F'Settembru saret Cleanup The World Campaign 2023, fejn permezz ta' membri fi ħdan L-NGO Żibel sar tindif minn qiegħ il-baħar god- daħla tal-Imsida. Din kienet f'finanzjata minn skema ta' fondi SPI/SCI/3/20223 > proposta mġedda minn sena għal oħra |
| A | 60 : Kompetizzjoni għall-isbaħ Roof Gardens u Front Gardens / 61 : Ġonna għal- komunità bi skop li jieħdu ħsiebhom ir-residenti. :- 2020 : Saru diskussjonijiet relatati ma' xi NGO's / 2021 Posposta minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023: (posposta) > Jitkompla l-proċess sabiex jinstabu fondi għal dawn il-proposti |
| J | 62 : Ġurnata bla karozzi u ssir attività sportiva. :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022: posposta / 2023: F'22 ta 'Settembru permezz ta 'fondi min TM għal European Mobility week ngħalqet parti min Triq Xatt ta 'Xbiex sabiex ssir l-attività li għalija kien hemm konkorrenza tajba. Iżda f'nofs l-attività il-kunsill ħa 'deċiżjoni biex tinfetaħ it-triq minħabba problemi li ma' kellhomx iseħħu fl-immaniġġjar ta 'traffiku. > Jitkompla l-proċess |
| B | 63 : Attivitajiet kull xahar għal- anzjani :- 2020 sa 2021: Posposti minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023: posposta > proposta ġiet mġedda għal sena oħra |
| B | 64 : li ssir Għaqda tan-nanniet :- 2020 sa 2021: Ġie preparat MOU li kien għadu mhux iffirmat u pospost minħabba Covid 19 minkejja dan għal ftit ġimgħat xorta saru xi laqgħat għal anzjani fil-binja tal-kunsill skond ir-rakkommandazzjoni ta 'dipartiment għass- saħħa / 2022: Ġie iffirmat MOU ma Nanniet Malta li bħala hub ġdida go L-Imsida beda jimplimenta -programm ta' laqgħat fil-bini tal-kunsilli lokali kull nhar ta 'Erbgħa filgħaxija go day center li jinkludi wkoll attivitajiet soċjali u safar. / 2023: saru bosta laqgħat fil-bini tal-kunsilli lokali kull nhar ta 'Erbgħa filgħaxija go day center u jinkludi wkoll attivitajiet soċjali u safar. Ara wkoll proposta 84.2 > proposta mġedda min-sena għal oħra |
| M | 65 : Attività ta 'ċelebrazzjoni għal- anzjani li jkunu twieldu matul ix-xahar u kartolina. :- 2020 sa 2023: Saret attività waħda u l-oħrajn posposti minħabba Covid 19. Il-kartolina baqgħet tintbagħat > mġedda minn sena għal oħra |
| E | 69 : Attività għal żmien il-milied :- 2020 :Posposta minħabba Covid 19 / 2021: Saret proposta biex ssir attività ta' Xmas Market, kant u żfin. Giet implimentata nhar it- 12 ta' Diċembru go Misraħ San Guzepp fejn f'rigward tal-Covid 19 ġew osservati ir-rakkomandazzjoni tad-dipartiment għas-saħħa / 2022: Fil-11 ta 'Diċembru saret attività simili għal dik tas-sena preċedenti Ara ukoll 49.t > Konkluża 2021 u 2022 |
| E | 70 : Esibizzjonijiet ta' talenti u delizzji :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022 u 2023: Bħala parti minn programm ta' attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira saret wirja sagra fil-bini amministrattiv tal-kunsill fil-ġimgħa mqaddsa. ara wkoll proposta 49.x > mġedda minn sena għal oħra |
| E | 71 : Laqgħat mal-komunitajiet u attivitajiet :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022: Saret laqgħa ma 'rappreżentat għal- Beyond Light ( Visual Non-Visual Network) u laqgħa introduttorja b'tema Nilħqu l-komunitajiet tal- Immigranti organizzata mid-direttorat għad-drittijiet tal-Bniedem flimkien mal-kunsill Lokali tal-Imsida > Jitkompla l-proċess |
| M | 71.1 : Solidarjetà mal-komunitajiet :- 2022: Wara l-aħbar ta' telfa traġika ta' membru mill- Komunità Nepaliża f'Malta il-kunsill tefa post fuq il-paġna FB tiegħu biex jesprimi s-simpatija u jappoġġja sforzi biex jinġabar fond sabiex jirritornaw u jagħmlulu funeral xieraq. Għal dan il-għan attività sportiva (one day football tournament) għal ġbir ta' fondi mill-Imsida St Joseph Football Club ġewwa Kulleġġ San Gorg Preca Education Hub bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida. > Konkluża 2022 |
| M | 71.2 : Rikonoxximent lill membri tal-komunità :- 2022: Jingħata rikonoxximent lill parteċipanti lokali li ħadu sehem f' l- Ispecial Olympics. > Konkluża 2022 |
| E | 73 : Attivitajiet sajf fil-pjazza :- 2020 u 2021 Mħassra minħabba Covid 19 / 2022: Sar programm ta' attivitajiet annwali Sajf fil-Pjazza li beda fl'1 ta 'Lulju b'Joe Demicoli u wara il-festa fit-22 ta' Lulju jkompli għaddej b 'Freddie Newland , Renato 29 ta' Lulju, Jomike & Lyndon 5 ta' Awissu, Ron Tom Jones 12 ta' Awissu, Francesca/Fuse band 19 ta' Awissu, X-Tend 26 ta' Awissu, Kor ta 'tfal 2 ta' Settembru u jagħlaq Freddie Portelli fid-9 ta' Settembru. /2023:Sar programm simili ta' attivitajiet annwali Sajf fil-Pjazza bejn it-30 ta 'Ġunju u 2 ta 'Settembru li beda b' Country Night u Ron Tom Jones. Wara il-festa |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett *(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)* u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| | fit-28 ta 'Lulju kompla għaddej b'Lorna Fiorini , Freddie Newland , Tika Banda , Josuel as Elvis , Fuse u Lejla tal-komunitajiet. ara wkoll proposta 49x > Jitkompla l-proċess |
| E | 75 : Esebizzjoni fil- pjazza għal- żmien il- Ġimgħa il-kbira :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 /2022: l-mixegħla go Misraħ San Guzepp f'Ħamis ix-xirka ġiet kanċellata minħabba avviż ta 'riħ qawwi./ 2023: Saret l-mixegħla go Misraħ San Guzepp nhar Ħamis ix-xirka b' tema tal-Veronika. Ara wkoll 49x > Jitkompla l-proċess |
| J | 76 : Attivitajiet sportivi u fiżiċi fil-pjazza :- Matul is-sena 2020 laħqu saru biss numru ta' sessjonijiet ta' Yoga minħabba li l-attivitajiet sportivi oħra kellhom ġew posposti kawża ta' restrizzjonijiet imposti mill-Covid 19 / 2021 u 2022: Saru numru ta' sessjonijiet ta' Yoga , Zumba u zewgt attivitajiet tal-badminton u basketball f'Misrah San Guzepp. / 2023 saret attività sportiva b'bosta dixxiplini għal European Sport week filwaqt li bħala parti mil-European Mobility Week 2023 kien hemm ukoll it-tieni attività sportiva Active in the Square li kienet tinkludi BMX / Skate / Scooter Show , Footbal u Basket ball fost oħrajn. Ara wkoll proposti 62 u 88 2023: > Jitkompla l-proċess |
| E | 77 : Aktar użu kreattivi mill- pjazza. :- 2020 sa 2021: Posposta minħabba Covid 19 / 2022 sa 2023: Apparti l-attivitajiet relatati ma'sajf fil-pjazza saru ukoll bosta attivitajiet sportivi relatati mall-European Region of Sport u European Mobility Week Ara wkoll proposti 62 u 88 > Jitkompla l-proċess |
| M | 79 : Biex jissewwa id-dawl tal-milied eżistenti li għandu il-kunsill u jiżdied. :- Implimentata > Konkluża 2020 |
| A | 81 : Tfassil u tqassim tal-kalendarju tas-sena. :- 2020 sa 2021: kienet Implimentata minn sena għal oħra / 2022: Sar il-ħsieb li il-kalendarju jkun mplimentata fuq bażi Reġjonali li juri 12 il-lokal f' ħdanu b'hekk il-pubblikazzjoni tal-kalendarju kienet implimentata fuq bażi Reġjonali b' 12 il-lokal . Minħabba li il-kwota ma servietx il-kunsill kellu bżonn jordna aktar b'ispejjeż tiegħu / 2023: Bħas-sena preċedenti il-pubblikazzjoni tal-kalendarju kienet implimentata fuq bażi Reġjonali. Għal din is-sena ġie deċiż li ma' jitqassamx go kull dar jew appartamenti iżda min vera jinteressah seta' jiġbor kopja mil-bini amministrattiv tal-kunsill . Dan seħħ minħabba li hawn min ma' jkunx irid kopja li tispiċċa mormija b'xi drabi anke fit-toroq għalhekk mhux xieraq li sir ħela ta' materjal. > proposta mġedda minn sena għal oħra |
| M | 82 : Tkun varata Website ġdida tal-kunsill b'faċilita għal servizzi online u żviluppata biex tipprovdi aċċessi għal dawk is-servizzi oħra offruti minn entitajiet governattivi. :- l-ewwel fażi konkluża 2021 u qed tkompli tkun żviluppata, > Konkluża 2021 |
| M | 82.1 : Librerija bil-kotba diġitali fil-website tal-kunsill :- 2021: Saret applikazzjoni għal fondi minn skema SPI/SCI/3/2021 biex issir e-book tal-pubblikazzjoni għal għonq it-triq u viżwali 3D għall-kappella tal-Kuncizzjoni u l-Għajn tal Ħasselin li ġiet approvata . / 2022: proposta ġiet implimentata. > konkluża 2022 |
| M | 82.2 : Tiġi implimentata s-sistema online komuni għal permessi li jsiru mill-kunsill Lokali. :- Ġiet implimentata s-sistema mandatorja ta' permessi li jsiru mill-kunsill Lokali. Dan kien jinkludi wkoll taħriġ dwar l-użu tas-sistema ta' permessi online inkluż l-użu ta' ApcoPay għall-iskrivani li joħorġu permessi. > Konkluża 2022 |
| M | 82.3 : infrastruttura ta'network ta'livell u li tilqa għal kull sistema diġitali :- Id-diviżjoni għal Gvern Lokali mplimentat proġett tal-ICT fil-kunsilli lokali u Reġjonali sabiex kull kunsill jkollu infrastruttura ta' network ta' livell u li tilqa għal kull sistema diġitali fl-għaxar snin li ġejjin. > Konkluża 2022 |
| M | 82.4 : Servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PC :- 2022 sa 2023: Il-kunsill ħa inizjattiva biex jipprovdi servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PCs li jinkludu servizz ġenerali, tindif fiżiku, ifformattjar mill-ġdid, tneħħija tal-virus u installazzjoni ta' software kontra l-virus. Il-membri tal-komunità jew impjegati u lill familjari tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn dan is-servizz mingħajr ħlas. > mġedda minn sena għal oħra |
| M | 83 : Il-latrina pubblika tiġi mmodernizzat.:- 2021: Pjanta u Applikazzjoni approvata mill-PA u kien hemm fondi allokati mid - Development fund tal-PA. Peress li din tinsab fejn hemm il proposti tal-IM għal proġett tal-Msida Creek il-kunsill ma' setax jibda bix-xogħol sakemm l-IM kienet qed tistenna deċiżjoni mill PA Nota (Il-kunsill qed joġġezzjona għal pedestrian bridges u qed jipproponi / jitlob alternattiva għal dawn) / 2022: Ġew proposti pjanti ġodda għal proġett tal-Msida Creek u l-kunsill qed wassal il-proposti tiegħu fejn il-latrina trid tarġa ssir mill-ġdid bħala parti mill-istess proġett. / 2023: ġie deċiż li din il-proposta tkun mgħaqda ma (24) li servi l-istess skop > (trasferita għal proposta 24 ) |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| M | 84 : Jitfasslu diversi programmi ta' kollaborazzjoni ma' gvernijiet lokali jew kunsilli ta 'pajjiżi oħra. Dan jinkludi volontarjat, edukazzjoni, anzjani, integrazzjoni u bosta suġġetti oħra li jistgħu anke jwasslu għal ġemellaġġ. Dawn jistgħu jkunu finanzjat minn bosta skemi li hemm għal diversi fondi tal-unjoni jew komunità Ewropea. :- Ara wkoll 84.1 sa 84.4 > Jitkompla l-proċess |
| M | 84.1 : Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants'. :- 2021: Matul is-sena 2019 u 2020 il-kunsill lokali L-Imsida wera il-ħsieb u kien mistieden u aċċetta li jipparteċipa f'bosta programmi organizzati minn kunsilli ta' pajjiżi oħra li setgħu jkomplu matul is-sena 2021 wara li taffiet xi ftit il-pandemija tal- Covid 19. Dawn komplew matul is-sena 2022 fejn fost dawn hemm programm ta' kollaborazzjoni organizzat minn Gvern Lokali fil-Bulgarija maħsub li jlaqqa bosta rappreżentanti ta' gvernijiet lokali Ewropej go pajjiżi differenti fosthom go Malta. / 2022: Fi Frar il-kunsill organizza il-programm għal konferenza bħala parti minn proġett b'tema 'Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants' li huwa ffinanzjat minn fondi tal-UE taħt il-programm (CREV). Dan il-programm huwa ġestit mill-Muniċipalità ta' Knezha fil-Bulgarija fejn il-kunsill Lokali L-Imsida ppparteċipa u organizza l-avveniment internazzjonali li għalih attendew delegati minn 16-il pajjiż/muniċipalità oħra tal-UE li huma Is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Latvja, l-Italja, ir-Rumanija, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Estonja, il-Polonja, il-Ġermanja, il-Portugall, Ċipru, Franza & l-Iżvezja. > Konkluża 2022 |
| M | 84.2 : Jinbeda programm dwar Iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri (CERV). :- 2022 sa 2023: il-kunsill Lokali l-Imsida flimkien mal-għaqda Nanniet Malta żar ir-raħal ta' Buscemi go Sqallija biex jimplimenta permezz ta' fondi Ewropew programm dwar Iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri (CERV). L-iskop tal-proġett kien li jippromwovi u jsaħħaħ b'mod attiv l-anzjanità attiva fil-komunitajiet, fejn kien hemm skambji bejn iċ-ċittadini Maltin u Taljani b'diskussjoni dwar il-patrimonju kulturali u t-tradizzjonijiet tal-Imsida u ta' Buscemi. Saret ukoll diskussjoni dwar kif il-pandemika tal-COVID-19 affettwat il-ġenerazzjoni anzjana. > Konkluża 2023 |
| M | 84.3 : Kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u l-programm European University of the Seas :- 2022: Saret laqgħa online mar-rappreżentanti tal-università bil-għan li ssir MOU li jwassal biex jiġu żviluppati r-relazzjonijiet formali mal- Lokalità li ilha aktar minn 50 sena tospita l-kampus ewlieni tal-Università ta' Malta. Waqt il-laqgħa ġew diskussi numru ta' proposti għall-kollaborazzjoni bejn l-Università ta' Malta u il-Kunsill Lokali tal-Imsida li jistgħu jwasslu għal sensiela ta' inizjattivi, fosthom kon diviżjoni tad-data minn studji magħmula minn studenti universitarji li jinkludi l-Imsida jew li jkunu rilevanti għall-kunsill. Dan jikkumplimenta opportunitajiet oħra li ġa jeżistu fejn l-anzjani jistgħu jibbenefikaw bħal Long life learning. / Matul is-sena 2023 b'kollaborazzjoni mal-università ta 'Malta il-kunsill Lokali ppparteċipa f' bosta laqgħat kemm f'lokalitajiet barra mnin Malta kif ukoll online bejn rappreżentanti ta' Universitajiet jew Sindki tal-municipilita / kunsilli affiljati fil-programm SEA-UE 2.0 . L- iskop tal-proġett kien sabiex jintegra mal-komunità u l-ekosistema lokali, u jikkontribwixxi għat-titjib tal-benesseri tas-soċjetà billi jgħaqqad aktar fil-fond ma' partijiet interessati u differenti fis-soċjetà. Waħda minn dawn il-laqgħat saret go Malta f' Ottubru 2023 għalhekk ġiet preżentata opportunitajiet sabiex b'kollaborazzjoni ma' reġjun tal-Lvant ssir attività relatata mal- European region of sport fejn sar tournament tal-football bejn l-student tal università differenti jew bejn l-għalliema li magħhom ingħaqad team tar-Regjun iffurmat minn kunsilliera, jew ħaddiema tal-amministrazzjoni ara wkoll proposta 88 > Jitkompla l-proċess |
| M | 84.4 : sħubija mal -BTIN (Netwerk tal-Gzejjer u Bliet fil-Fruntiera) :- 2022: Saret stedina għal sħubija mil BTIN li huwa Netwerk tal-Gzejjer u Bliet fil-Fruntiera" u huwa magħmul biss minn awtoritajiet lokali ta' bliet li jinsabu fil-fruntieri Ewropej jew li huma fost l-ewwel li jirċievu jew joffru residenza lil dawk li jfittxu l-ażil. Din is-sħubija tipprovdi opportunitajiet lill-Imsida biex ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal-kunsilli ta' bliet oħra li qed jiffaċċjaw sfidi simili; tkompli ssemma' t-tħassib tagħha kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa; tibni l-kapaċitajiet tagħha biex tipprovdi soluzzjonijiet fejn jirbaħ kulħadd għall-komunitajiet tagħha; taqsam il-prattiki tajba tagħha stess fuq livell nazzjonali u internazzjonali; u żżid l-opportunitajiet għall-aċċess għall-finanzjament mill-Unjon Ewropea jew minn sorsi oħra biex jimplimentaw proġetti, flimkien mas-sħab Ewropej. / Matul is-sena 2023 saru numru ta' laqgħat tal-BTIN li huwa Netwerk tal-Gzejjer u Bliet fil-fruntiera. Il-kunsill lokali L-Imsida attenda għal kull laqgħa kif ukoll ħa ħsieb jilqa' waħda minn dawn il-laqgħat li saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill. Id-delegati kellhom ukoll l-opportunitajiet jattendu għal purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tat-tfal. > Jitkompla l-proċess |
| L | 85: Restawr għal monumenti u siti storiċi fil-lokal :- Ara proposti 85.1 u 85.2 > Jitkompla l-proċess |

| **Deskrizzjoni jew Isem tal-miżura jew Proġett** ***(Proposti ġodda jew mġedda waqt laqgħat għar residenti bejn 19 ta 'Lulju 2019 sal-15ta'Dicembru 2023)*** **u Dettal dwar x'sar matul dan il-perjodu.** | |
|---|---|
| L | 85.1 : Restawr tal-Għajn tal-Ħasselin inkluż il-madwar u d- dawl :- 2022: Il-kunsill applika biex ssir restawr tal-Għajn tal-Ħasselin permezz ta' Skema SPI/SCI/1/2021 - li ġiet approvata. Għal dan il għan saret konsultazzjoni mal-perit inkarigat biex jaraw x'hemm bżonn ssir biex tidħol l-applikazzjoni għand il-P.A li ġiet approvata. Qed isiru surveys sabiex ir-restawr minn barra kif ukoll minn ġewwa ikun jista' jibda mill-aktar fis possibbli, fil-waqt li qed ikunu esplorati ukoll il-possibiltajiet li ssir l-kollaborazzjoni ma' dipartimenti oħra, fosthom tal-Cleansing and Maintenance, sabiex il-proġett ikun iktar olistiku. / 2023: sar xogħol ta' restawr msemmi filwaqt li l-kunsill ħa' ħsieb ukoll li jsir xogħol ieħor ta' manutenzjoni mad- dawra tal-istruttura u sabiex ikun hemm dawl ġdid. Sar ukoll tindif mill- ħama li akkumulat matul bosta snin. > konkluza 2024 |
| L | 85.2 : Restawr tal-Monument tal-Ħaddiema inkluż il-madwar u dawl :- 2022: Filwaqt li il-kunsill qed jgħaddi il-proposti tiegħu għal l--spazju pubbliku indikat fil- proġett tal-Msida Creek qed jagħmel ukoll diskussjonijiet ma' entitajiet differenti biex ssir xogħol ta' restawr fuq l-istruttura tal-monument tal-Ħaddiema. / 2023: Għadhom qed issiru diskussjonijiet m'entitajiet differenti sabiex jiġu allokati fondi u ssir xogħol ta' restawr fuq l- -struttura esterna tal-monument tal-Ħaddiema . > Jitkompla l-proċess |
| M | 86 : Xiri ta' vettura biex il-kunsill jaqdi l-operat amministrattiv u ta' manutenzjoni tiegħu :- 2022: Ġie osservat li f'dawn l-aħħar snin il-van tal-kunsill kellu jittieħed għal diversi tiswijiet fejn għal bosta ġranet ma' setax ssir ċertu xogħol ta' manutenzjoni jew xogħlijiet oħra skond il-ħtieġa. Filwaqt li din il-vettura issa serviet għal bosta snin, wasal iż-żmien li l-kunsill b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet ta 'rutina tiegħu jibda jaħseb biex jixtri van ieħor. / 2023: posposta sakemm jinstabu fondi > Jitkompla l-proċess |
| H | 87 : Introduzzjoni tal-pulizija tal-komunità fl-Imsida :- 2022: Saru bosta kommunikazzjoni u diskussjoni dwar Introduzzjoni ta' dan is-servizz fl-Imsida. Dan se jkun sforz ikkordinat bejn il-pulizija, il-partijiet interessati u l-pubbliku, biex ir-residenti lokali jinġabu flimkien, biex tiżdied s-sikurezza u l-ġid tal-komunità lokali / 2023:F'Ottubru ġie Introdott it- team tal-pulizija tal-komunità fl-Imsida li se jkun qed jieħu ħsieb ukoll il-Gzira u Ta 'Xbiex. > Jitkompla l-proċess |
| J | 88 : Sehem attiv fil-European Region of Sports għas-sena 2023. :- 2022: Reġjun Lvant ġie magħżul bħala l-'European Region of Sports' għas-sena 2023. Għalhekk bdew il- preparamenti neċessarji wara l-kunsilli Lokali f' ħdan ir-Regjun intalbu l-għajnuna biex tinġabar l-informazzjoni dwar id-dixxiplini sportivi li jiġu prattikati fil-Lokalità, kuntatti ta' individwi inkarigati mill- operat tal-klabb u biex jiġu identifikati postijiet fejn jistgħu jinżammu attivitajiet sportivi. Dan sabiex jiġi preparat programm ta' attivitajiet sportivi mqassma matul is-sena 2023 u li jkunu mifruxa ma' tnax il- Lokalità li jaqgħu taħt dan ir-reġjun. / 2023: Kien hemm numru t'attivitajiet relatata li jinkludutournament tal- cricket, tournament tal-bocci, Street Gap (April) , Active in the Square li fiha sar ġbir ta' fondi għal Puttinu cares (April) , Sessjonijiet ta' Yoga (min Ġunju sa Awissu), Ġostra ma' San Ġiljan (Awissu) u Active in the Square waqt attività relatata ukoll mal- European Mobility week (Settembru).F' 'Novembru sar ukoll tournament tal-futbol SEA-EU li ġie organizzat b'kollaborazzjoni bejn il-kunsill Lokali l-Imsida, l-Università ta' Malta u l-Kunsill Reġjonali tal-Lvant. > Konkluża 2023 |
| E | 88b : Sehem attiv Għal Regjun Kulturali 2024 :- 2023: Reġjun Lvant ġie magħżul bħala Regjun kulturali għas-sena 2024, għalhekk bdew il- preparamenti neċessarji sabiex jiġu identifikati attivitajiet li jistgħu jinżammu jkunu mifruxa ma' tnax il- Lokalità li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun. > Jitkompla l-proċess |